REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1450

tal-13 ta' Lulju 2023

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi tal-ħadid (għajr ħadid fondut) jew azzar (għajr azzar inossidabbli) mingħajr weldjatura, ta' sezzjoni trażversali ċirkolari, b'dijametru estern ta' aktar minn 406,4 mm, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Investigazzjonijiet preċedenti u l-miżuri fis-seħħ

(1) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/804 ([2]), il-Kummissjoni Ewropea imponiet dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi tal-ħadid mingħajr ġonġituri (ħlief tal-ħadid fondut) jew tal-azzar (ħlief tal-azzar inossidabbli), ta' sezzjoni trażversali tonda, ta' dijametru estern li jaqbeż l-406,4 mm, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-miżuri oriġinali"). L-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali".

(2) Id-dazji anti-dumping fis-seħħ attwalment huma f'rati li jvarjaw bejn 29,2 % u 41,4 %, fuq importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, 45,6 % fuq il-kumpaniji li kkooperaw li ma kinux inklużi fil-kampjun, u rata ta' dazju ta' 54,9 % fuq il-kumpaniji l-oħrajn kollha mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ" jew "iċ-Ċina").

1.2. Talba għal rieżami ta' skadenza

(3) Wara l-pubblikazzjoni ta' notifika ta' skadenza imminenti, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet talba għal rieżami skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(4) It-talba għal rieżami tressqet fl-10 ta' Frar 2022 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tat-Tubi tal-Azzar ("l-applikant" jew "l-ESTA") f'isem l-industrija tal-Unjoni ta' ċerti pajpijiet u tubi tal-ħadid (għajr ħadid fondut) jew tal-azzar (għajr azzar inossidabbli) mingħajr weldjatura, ta' sezzjoni trażversali ċirkolari, b'dijametru estern ta' aktar minn 406,4 mm, fis-sens tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. It-talba għal rieżami kienet ibbażata fuq ir-raġuni li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx twassal għal kontinwazzjoni jew għal rikorrenza ta' dumping u għal kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/804 tal-11 ta' Mejju 2017 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi tal-ħadid mingħajr ġonġituri (ħlief tal-ħadid fondut) jew tal-azzar (ħlief tal-azzar inossidabbli), ta' sezzjoni trasversali tonda, ta' dijametru estern li jaqbeż l-406,4 mm, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 121, 12.5.2017, p. 3).

1.3. **Bidu ta' rieżami ta' skadenza**

(5) Wara li ddeterminat, b'konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, li kien hemm evidenza suffiċjenti għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, fit-12 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni bdiet rieżami ta' skadenza fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti pajpijiet u tubi tal-ħadid (għajr ħadid fondut) jew azzar (għajr azzar inossidabbli) mingħajr weldjatura, ta' sezzjoni trażversali ċirkolari, b'dijametru estern ta' aktar minn 406,4 mm, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajpiż ikkonċernat") abbażi tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]) ("in-Notifika ta' Bidu").

1.4. **Kummenti dwar il-bidu**

(6) Wara l-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu, il-produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw qajmu dubji dwar jekk il-fatt li l-ebda wieħed mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fl-investigazzjoni oriġinali ma pparteċipa fit-talba għal dan ir-rieżami kienx jimplika rkupru sħiħ mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u dannużi għall-kumpaniji inkwistjoni.

(7) Il-Kummissjoni l-ewwel osservat li l-produtturi esportaturi ma qajmux dubji dwar il-fatt li t-talba ssodisfat il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. Tabilħaqq, din tnediet mill-Assoċjazzjoni Ewropea tat-Tubi tal-Azzar li tirrappreżenta aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni u kienet appoġġata mill-produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-UE. It-tieni, il-produttur tal-Unjoni Huta Batory, ġie inkluż fiż-żewġ investigazzjonijiet, dak oriġinali u r-rieżami ta' skadenza. It-tielet, Valcovni Trub Chomutov AS, it-tieni produttur inkluż fil-kampjun fl-investigazzjoni oriġinali, appoġġa t-talba għal rieżami ta' skadenza iżda ma kienx inkluż fil-kampjun mill-Kummissjoni. Fl-aħħar nett, iż-żewġ kumpaniji l-oħra li kienu ġew inklużi fil-kampjun fl-investigazzjoni oriġinali, Arcelor Mittal Tubular Products Roman u Vallourec Deutschland GmbH, ħarġu jew jinsabu fil-proċess li joħorġu mis-suq tal-Unjoni. Konsegwentement, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(8) Barra minn hekk, il-produtturi esportaturi argumentaw li għandu jinbeda rieżami ta' skadenza meta t-talba jkun fiha evidenza suffiċjenti li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx tirriżulta f'kontinwazzjoni jew f'rikorrenza ta' dumping u ta' dannu, u li determinazzjoni pożittiva għandha tkun appoġġata minn evidenza fattwali. Biex jappoġġaw l-argument tagħhom huma enfasizzaw li l-produtturi esportaturi Ċiniżi ma jistgħux ikunu jafu x'inhu l-valur normali minħabba l-metodi differenti użati billi jintużaw prezzijiet f'pajjiż rappreżentattiv.

(9) Il-Kummissjoni rrimarkat li hija eżaminat l-eżattezza u l-adegwatezza tal-evidenza pprovduta, u ddeterminat li kien hemm evidenza suffiċjenti biex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni attwali, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Fi kwalunkwe każ, il-produtturi esportaturi ma pprovdewx eżempju ta' evidenza insuffiċjenti, għalhekk, din l-affermazzjoni ma kinitx appoġġata minn l-ebda raġunament xieraq. Fir-rigward tal-valur normali, il-produtturi esportaturi kellhom opportunità biżżejjed biex jivverifikaw il-metodu/i użat(i) u l-valur normali kkalkolat fit-talba. Konsegwentement, l-affermazzjoni tagħhom ġiet miċħuda.

(10) Barra minn hekk, il-produtturi esportaturi ddikjaraw li l-operazzjonijiet kummerċjali tal-produtturi tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat huma ħafna aktar dipendenti fuq il-kundizzjonijiet tas-swieq barranin milli fuq il-kundizzjonijiet fl-Unjoni, u li d-deterjorament tal-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-applikanti mill-2019 ma jistax jiġi attribwit għall-importazzjonijiet li joriġinaw miċ-Ċina. Huma affermaw ukoll li, minbarra l-prestazzjoni ħażina tal-esportazzjoni, parti mix-xejriet negattivi tal-iżvilupp fl-Unjoni kienet attribwita wkoll għat-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, b'mod partikolari fl-2020. Barra minn hekk, huma argumentaw li l-kost tal-produzzjoni għal kull tunnellata li ġiet irrapportata fit-talba, jiġifieri bejn EUR 1 245 u EUR 1 291, kien konsiderevolment aktar baxx minn dak li ġie rrapportat fl-investigazzjoni inizjali.

([3]) ĠU C 193, 12.5.2022, p. 5.

(11) Il-Kummissjoni nnotat li fl-istadju tat-talba, huwa suffiċjenti, abbażi tal-informazzjoni disponibbli b'mod raġonevoli għall-applikant, li tiġi pprovduta evidenza li turi li hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dannu f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu. F'dan ir-rigward, anki jekk l-affermazzjonijiet mill-produtturi esportaturi kienu korretti li s-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni marret għall-aħar minħabba fatturi oħra għajr l-importazzjonijiet miċ-Ċina, l-argumenti ppreżentati ma qajmux dubji dwar il-fatt li l-importazzjonijiet miċ-Ċina baqgħu sinifikanti f'termini assoluti u fis-sehem mis-suq. Barra minn hekk, l-evidenza pprovduta fit-talba indikat li d-dannu x'aktarx jerġa' jseħħ f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu. Konsegwentement, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(12) Il-produtturi esportaturi affermaw ukoll li l-prestazzjoni ekonomika ta' Tenaris, qabel u wara l-impatt tal-pandemija, kienet b'saħħitha u normali. Fil-każ ta' Tubos Reunidos SA, il-valur tal-bejgħ baqa' fl-istess livell għal 3 snin konsekuttivi mill-2018, u mbagħad mill-2020 'il quddiem il-valuri tal-bejgħ żdiedu. Il-bejgħ tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi biss naqas, għajr għas-suq tal-Istati Uniti. Biex jappoġġaw l-argumenti tagħhom dwar is-sitwazzjoni tal-produtturi tal-UE, huma pprovdew evidenza tal-ippjanar ambizzjuż taż-żewġ kumpaniji biex jew jinvestu u jespandu, jew jaġġornaw il-faċilitajiet ta' produzzjoni tagħhom fl-Unjoni.

(13) Il-Kummissjoni nnotat li l-indikaturi tad-dannu ma humiex analizzati fil-livell ta' produtturi individwali, iżda fil-livell tal-industrija kollha tal-Unjoni. Kif huwa indikat fil-premessa (11) hawn fuq, it-talba kien fiha evidenza suffiċjenti fir-rigward tal-industrija kollha tal-Unjoni, dwar il-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza tad-dannu f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu. Konsegwentement, l-argument ġie miċħud.

(14) Il-produtturi esportaturi argumentaw ukoll li s-suq tal-Unjoni qed jiffaċċa żidiet rapidi fl-importazzjonijiet mit-Tajlandja, li għandhom influwenza kbira fuq l-effett tal-miżuri implimentati u fuq il-pożizzjoni tas-suq tal-applikanti. Barra minn hekk, il-miżuri ta' salvagwardja jkopru wkoll il-prodott ikkonċernat u se jibqgħu fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2024.

(15) Il-Kummissjoni nnotat li, fir-rigward tal-importazzjonijiet mit-Tajlandja, il-partijiet naqsu milli juru kif l-argument tagħhom iqajjem dubji dwar l-evidenza li tinsab fit-talba rigward il-kontinwazzjoni/ir-rikorrenza tad-dannu. Rigward il-miżuri ta' salvagwardja, il-miżuri anti-dumping jindirizzaw sitwazzjoni differenti mill-miżuri ta' salvagwardja. Barra minn hekk, il-miżuri ta' salvagwardja tal-azzar ma jipprevjenux l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping fi ħdan il-kwoti tad-dazju mingħajr salvagwardja. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

1.5. **Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u perjodu taħt kunsiderazzjoni**

(16) L-investigazzjoni ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping kienet tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami" jew "il-PIR"). L-eżaminazzjoni tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2018 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni").

1.6. **Partijiet ikkonċernati**

(17) Fin-Notifika ta' Bidu, il-partijiet ikkonċernati ġew mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni sabiex jieħdu sehem fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lill-applikanti, lill-produtturi tal-Unjoni magħrufin oħrajn, lill-produtturi magħrufin fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, lill-importaturi magħrufa, lill-utenti, lin-negozjanti, kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza, u stednithom jipparteċipaw.

(18) Il-partijiet ikkonċernati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tar-rieżami ta' skadenza u li jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

(a) Kampjunar

(19) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun tal-partijiet ikkonċernati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

(b) Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni

(20) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ħabbret li hi kienet għażlet proviżorjament kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun abbażi tal-akbar volumi rappreżentattivi ta' produzzjoni u bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni li jistgħu jiġu investigati b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku; u abbażi tal-firxa ġeografika tal-kampjun. Dan il-kampjun kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw kważi 76 % u 67 % tal-volumi totali tal-produzzjoni u tal-bejgħ, rispettivament, tal-produtturi magħrufa tal-Unjoni tal-prodott simili. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar il-kampjun provviżorju, iżda ma rċeviet l-ebda kumment. Konsegwentement, il-kampjun ġie kkonfermat. Il-kampjun huwa rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

(c) Kampjunar tal-importaturi

(21) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lil importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.

(22) Importatur mhux relatat wieħed biss ipprovda l-informazzjoni mitluba u qabel li jiġi inkluż fil-kampjun. Minħabba l-ammont żgħir, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma kienx meħtieġ li jittieħdu kampjuni.

(d) Kampjunar tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ

(23) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fl-RPĊ jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(24) Kien hemm żewġ produtturi esportaturi/gruppi ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ li pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjun. Fid-dawl tal-għadd baxx, il-Kummissjoni ddeċidiet li t-teħid ta' kampjuni ma kienx meħtieġ, u li tinvestiga l-produtturi esportaturi kollha li ppreżentaw ruħhom.

(e) Kwestjonarji u żjarat ta' verifika

(25) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-GTĊ").

(26) Il-Kummissjoni bagħtet ukoll kwestjonarji lill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, lill-importaturi mhux relatati, lill-utenti, lill-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni u lill-produtturi esportaturi. L-istess kwestjonarji kienu disponibbli wkoll online ([4]).

(27) Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet għall-kwestjonarju mit-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, importatur mhux relatat wieħed, l-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni u ż-żewġ produtturi esportaturi/grupp ta' produtturi esportaturi.

(28) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha meqjusa bħala meħtieġa għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping u dannu u tal-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni

— Dalmine S.p.A., Bergamo, l-Italja.

— Tubos Reunidos Group S.L.U. fi Trápaga, Vizcaya, Spanja

— Alchemia S.A. f'Chorzow, il-Polonja

Assoċjazzjoni tal-Unjoni

([4]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2603

(29) Il-Kummissjoni organizzat ukoll żjara ta' verifika mal-assoċjazzjoni li ġejja:

— l-Assoċjazzjoni Ewropea tat-Tubi tal-Azzar, f'Pariġi, Franza.

Produtturi esportaturi fir-RPĊ

(30) Minħabba t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri konsegwenti li ttieħdu biex tiġi indirizzata t-tifqigħa ("in-Notifika tal-COVID-19") ([5]), il-Kummissjoni ma setgħetx twettaq żjarat ta' verifika fil-bini tal-produtturi esportaturi. Minflok, il-Kummissjoni kkontroverifikat mill-bogħod l-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja għad-determinazzjonijiet tagħha f'konformità man-Notifika tal-COVID-19. Il-Kummissjoni organizzat vidjokonferenzi mal-produtturi esportaturi/grupp ta' produtturi esportaturi li ġejjin:

— CITIC Pacific Group:

— Daye Special Steel Co., Ltd;

— Zhejiang Pacific Seamless Steel Tube Co., Ltd;

— Yangzhou Chengde Steel Pipe Co., Ltd.

1.7. **Kummenti wara d-divulgazzjoni finali**

(31) Fil-kummenti tagħhom wara d-divulgazzjoni finali, il-produtturi esportaturi li kkooperaw, Daye Special Steel Co. Ltd, Zhejiang Pacific Seamless Steel Tube Co. u Yangzhou Chengde Steel Pipe, Co. Ltd, staqsew dwar l-allegat nuqqas tal-produtturi tal-Unjoni, li kienu fil-kampjun fl-investigazzjoni oriġinali, minn din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza u r-raġunijiet għaliex ma ġewx inklużi fil-kampjun din id-darba. Barra minn hekk irrimarkaw li Huta Batory ma kinitx elenkata bħala wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun f'dan ir-rieżami ta' skadenza. Indikaw ukoll li ma setgħux jivvalutaw jekk id-determinazzjoni tar-rikorrenza tad-dannu kinitx marbuta ma' bidliet fil-kampjun bejn iż-żewġ investigazzjonijiet.

(32) Il-Kummissjoni nnotat li l-argument imressaq mill-produtturi esportaturi li kkooperaw ġie indirizzat fil-premessa (7). B'mod partikolari, il-produttur tal-Unjoni Huta Batory, ġie inkluż fiż-żewġ investigazzjonijiet, dik oriġinali u fl-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza. Din il-kumpanija issa hija magħrufa bħala Alchemia S.A.

(33) Sa fejn huma kkonċernati l-kumpaniji l-oħra, kif spjegat fil-premessa (20), il-produtturi tal-Unjoni ġew inklużi fil-kampjun fuq il-bażi tal-akbar volumi rappreżentattivi ta' produzzjoni u bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni, li jistgħu jiġu investigati b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Wara li ma sarux kummenti dwar il-kampjun, il-kampjun ġie kkonfermat u nstab li kien rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni. Minkejja li l-kampjun inbidel bejn l-investigazzjoni oriġinali u dan ir-rieżami ta' skadenza, il-produtturi esportaturi ma ppreżentaw l-ebda evidenza li l-kampjun ma kienx rappreżentattiv. Barra minn hekk, meta tivvaluta s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u r-rikorrenza tad-dannu, il-Kummissjoni tibbaża wkoll l-analiżi tagħha fuq indikaturi makroekonomiċi għall-produtturi kollha tal-Unjoni inklużi dawk li kienu inklużi fil-kampjun fl-investigazzjoni oriġinali. Fuq din il-bażi, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

2. **PROĊEDURA SUSSEGWENTI**

(34) Fil-21 ta' April 2023, il-Kummissjoni ddivulgat il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kienet beħsiebha żżomm id-dazji anti-dumping fis-seħħ. Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni.

(35) Il-kummenti li għamlu l-partijiet interessati ġew ikkunsidrati mill-Kummissjoni u ttieħdu f'kunsiderazzjoni, fejn xieraq. Il-partijiet li talbu dan ingħataw seduta ta' smigħ.

([5]) Avviż dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa ta' COVID-19 fuq l-investigazzjonijiet antidumping u antisussidji (2020/C 86/06) (ĠU C 86, 16.3.2020, p. 6).

3. PRODOTT TAĦT RIEŻAMI, PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

3.1. Prodott taħt rieżami

(36) Il-prodott taħt rieżami huwa l-istess bħal dak fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri ċerti pajpijiet u tubi tal-ħadid (għajr ħadid fondut) jew azzar (għajr azzar inossidabbli) mingħajr weldjatura, ta' sezzjoni trażversali ċirkolari, b'dijametru estern ta' aktar minn 406,4 mm, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7304 19 90, ex 7304 29 90, 7304 39 88 u 7304 59 89 (kodiċi TARIC 7304 29 90 90) ("il-prodott taħt rieżami").

(37) Ċerti pajpijiet u tubi tal-ħadid (għajr ħadid fondut) jew azzar (għajr azzar inossidabbli) mingħajr weldjatura, ta' sezzjoni trażversali ċirkolari, b'dijametru estern ta' aktar minn 406,4 mm jintużaw f'firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet, pereżempju t-trasport taż-żejt, tal-gass, tal-likwidi u tal-fluwidi, fin-negozju tal-kostruzzjoni għat-twaħħil tal-puntali, għall-użi mekkaniċi, għat-tubi tal-bojlers u għall-prodotti taż-żejt u tat-tubi tal-pajjiżi ("OCTG") għall-kisi fl-industrija taż-żejt.

3.2. Prodott ikkonċernat

(38) Il-prodott ikkonċernat minn din l-investigazzjoni huwa l-prodott taħt rieżami li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

3.3. Prodott simili

(39) Kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza kkonfermat li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat;

— il-prodott taħt rieżami prodott u mibjugħ fis-suq domestiku tar-RPĊ u;

— il-prodott taħt rieżami prodott u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(40) Għalhekk, dawn il-prodotti huma kkunsidrati bħala prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

4. DUMPING

4.1. Evoluzzjoni tal-importazzjonijiet wara l-impożizzjoni tal-miżuri

(41) Fil-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali ([6]), il-produtturi esportaturi Ċiniżi esportaw lejn l-Unjoni aktar minn 42 elf tunnellata tal-prodott ikkonċernat, li jirrappreżenta sehem mis-suq ta' madwar 26 % tas-suq tal-Unjoni dak iż-żmien.

(42) Fl-investigazzjoni attwali, għall-perjodu taħt kunsiderazzjoni u għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, id-*data* statistika dwar l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat irrapportata fil-Comext u l-Bażi tad-*data* tal-14(6), uriet volum konsiderevolment aktar baxx ta' importazzjonijiet mill-volum ta' esportazzjonijiet iddikjarat mill-produtturi esportaturi li kkooperaw. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li f'dan il-każ partikolari, l-informazzjoni statistika ma kinitx affidabbli u ma setgħetx tintuża biex tiddetermina l-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ u s-sehem mis-suq tal-produtturi esportaturi Ċiniżi. Għalhekk, hija bbażat is-sejbiet tagħha relatati mal-volum tal-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodott ikkonċernat u s-sehem mis-suq tal-produtturi esportaturi Ċiniżi fuq id-*data* vverifikata tal-produtturi esportaturi li kkooperaw u l-informazzjoni fit-talba għal rieżami.

(43) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-produtturi esportaturi li kkooperaw esportaw lejn l-Unjoni madwar 2,9 elf tunnellata tal-prodott ikkonċernat, li rrappreżentaw sehem mis-suq ta' bejn [2,5-3,5 %] tas-suq tal-Unjoni (ara t-Tabella 3).

([6]) Mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015.

(44) Il-produzzjoni tal-prodotturi esportaturi li kkooperaw matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienet tammonta biss għal madwar 12 % tal-produzzjoni totali stmata tal-prodott taħt rieżami fir-RPĊ ([7]). Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li huwa probabbli li matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-volum totali tal-importazzjoni fl-UE tal-prodotturi esportaturi Ċiniżi kollha (mhux inklużi fil-kampjun u vverifikati fl-investigazzjoni) qabeż il-volum ta' 2,9 elf tunnellata ddikjarat mill-prodotturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw, u s-sehem mis-suq tal-prodotturi esportaturi Ċiniżi qabeż bil-probabbiltà kollha [2,5-3,5 %] indikat fit-Tabella 3 hawn taħt.

(45) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-prodotturi esportaturi Ċiniżi komplew jesportaw, għalkemm fi kwantitajiet aktar baxxi, il-prodott taħt rieżami lejn l-Unjoni.

4.2. **Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku**

(46) Minħabba li l-evidenza suffiċjenti disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni kellha t-tendenza li turi, fir-rigward tar-RPĊ, l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni abbażi tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(47) Sabiex tikseb l-informazzjoni li qieset meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-GTĊ. Barra minn hekk, fil-punt 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha jesprimu l-fehmiet tagħhom, jissottomettu informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju mill-GTĊ u ma waslet l-ebda sottomissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku qabel l-iskadenza. Sussegwentement, il-Kummissjoni infurmat lill-GTĊ li hija kienet se tuża l-fatti disponibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku biex tiddetermina l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ.

(48) Fil-punt 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, għażlet provviżorjament lill-Messiku bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, bil-għan li tiddetermina l-valur normali abbażi ta' prezzijiet jew ta' parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li kienet se teżamina pajjiżi oħrajn possibbilment xierqa f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(49) Fl-14 ta' Lulju 2022, b'Nota lill-fajl ("Nota dwar il-fatturi tal-produzzjoni u l-pajjiż rappreżentattiv" jew in-"Nota") il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li kellha l-ħsieb li tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali. F'dik in-Nota, il-Kummissjoni pprovdiet lista tal-fatturi kollha tal-produzzjoni, bħall-materja prima, il-manodopera u l-enerġija użati fil-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami. Barra minn hekk, abbażi tal-kriterji li jiggwidaw l-għażla ta' prezzijiet jew ta' parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni identifikat il-pajjiż rappreżentattiv possibbli, jiġifieri l-Messiku. Hija infurmat ukoll lill-partijiet interessati li kienet se tistabbilixxi l-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") u l-profitti abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-kumpanija Tubos de Acero de México S.A. ("Tamsa"), produttur fil-Messiku.

4.3. **Valur normali**

(50) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, "*il-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti fil-pajjiż esportatur*".

(51) Madankollu, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "*fil-każ li jiġi determinat […] li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni*", u "*għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti*" ("*kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali*" minn hawn 'il quddiem "SG&A").

([7]) Skont l-applikant, il-volum stmat tal-produzzjoni fir-RPĊ fl-2021 tal-prodott taħt rieżami kien ta' 2,3 miljun tunnellata. Il-volum ivverifikat tal-produzzjoni tal-prodotturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw kien ta' kważi 260 elf tunnellata.

(52) Kif huwa spjegat aktar fid-dettall hawn taħt, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-evidenza disponibbli u fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.

4.3.1. *Eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti*

(53) F'investigazzjonijiet reċenti dwar is-settur tal-azzar fir-RPĊ ([8]), il-Kummissjoni sabet li kien hemm distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku.

(54) F'dawk l-investigazzjonijiet, il-Kummissjoni sabet li hemm intervent sostanzjali tal-gvern fir-RPĊ u li dan jirriżulta f'distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi f'konformità mal-prinċipji tas-suq ([9]). B'mod partikolari, il-Kummissjoni kkonkludiet li fis-settur tal-azzar, li huwa l-materja prima prinċipali għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami, mhux biss għad hemm grad sostanzjali ta' sjieda mill-GTĊ fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku ([10]), iżda l-GTĊ huwa wkoll f'pożizzjoni li jinterferixxi mal-prezzijiet u mal-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), it-tieni inċiż, tar-Regolament bażiku ([11]). Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-preżenza u l-intervent tal-Istat fis-swieq finanzjarji, kif ukoll fil-provvista tal-materja prima u tal-inputs, iħallu effett ta' distorsjoni addizzjonali fuq is-suq. Tabilħaqq, b'mod ġenerali, is-sistema tal-ippjanar fir-RPĊ tirriżulta fil-konċentrazzjoni tar-riżorsi f'setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew inkella bħala politikament importanti mill-GTĊ, aktar milli fl-allokazzjoni tagħhom f'konformità mal-forzi tas-suq ([12]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2068 tas-26 ta' Ottubru 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 149); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 tas-16 ta' Frar 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 36, 17.2.2022, p. 1); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/95 tal-24 ta' Jannar 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fittings ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiż għall-importazzjonijiet ta' ċerti fittings ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar ikkonsenjati mit-Tajwan, mill-Indonesja, mis-Sri Lanka u mill-Filippini, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw minn dawn il-pajjiżi kif ukoll jekk le, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 16, 25.1.2022, p. 36); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2239 tal-15 ta' Diċembru 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti torrijiet tar-riħ tal-azzar fuq skala utilitarja li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 450, 16.12.2021, p. 59); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635 tas-16 ta' April 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi wweldjati tal-ħadid jew tal-azzar bil-karbonju li joriġinaw mill-Belarussja, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mir-Russja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 132, 19.4.2021, p. 145).

([9]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa (80); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191 il-premessa 208, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95 il-premessa 59, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2239 il-premessi 67-74, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/635 il-premessi 149-150.

([10]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa (64); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191 il-premessa 192, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95 il-premessa 46, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2239 il-premessi 67-74, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/635 il-premessi 115-118

([11]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa (66); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191 il-premessi 193-4, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95 il-premessa 47, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2239 il-premessi 67-74, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/635 il-premessi 119-122. Filwaqt li d-dritt għall-ħatra u għat-tneħħija ta' persunal ewlieni tal-maniġment fl-SOEs mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat, kif previst fil-leġiżlazzjoni Ċiniża, jista' jitqies li jirrifletti d-drittijiet ta' sjieda korrispondenti, iċ-ċelloli tas-CCP fl-intrapriżi, kemm dawk tal-Istat kif ukoll dawk privati, jirrappreżentaw kanal importanti ieħor li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet kummerċjali. Skont il-liġi tal-kumpaniji tar-RPĊ, f'kull kumpanija għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP (li jkollha mill-inqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP) u l-kumpanija għandha tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-partit. Fil-passat, dan ir-rekwiżit jidher li mhux dejjem ġie segwit jew infurzat b'mod strett. Madankollu, minn tal-anqas l-2016, is-CCP saħħaħ il-pretensjonijiet tiegħu ta' kontroll fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fl-SOEs bħala kwistjoni ta' prinċipju politiku. Huwa rapportat ukoll li s-CCP jeżerċita pressjoni fuq il-kumpaniji privati biex ipoġġu l-"patrijottiżmu" l-ewwel u qabel kollox u biex isegwu d-dixxiplina tal-partit. Fl-2017, ġie rrapportat li kienu jeżistu ċelloli tal-partit f'70 % ta' madwar 1,86 miljun kumpanija privata, li rriżulta fi pressjoni dejjem akbar biex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji rispettivi tagħhom. Dawn ir-regoli għandhom applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha, fost is-setturi kollha, inkluż għall-produtturi tal-prodott taħt rieżami u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.

([12]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa (68); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191 il-premessi 195-201, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95 il-premessi 48-52, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2239 il-premessi 67-74, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/635 il-premessi 123-129.

kkonkludiet li l-liġijiet Ċiniżi dwar il-falliment u l-proprjetà ma jaħdmux kif suppost fis-sens tar-raba' inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, u b'hekk jiġu ġġenerati distorsjonijiet b'mod partikolari meta jinżammu ħajjin ditti insolventi u meta jiġu allokati d-drittijiet għall-użu tal-art fir-RPĊ ([13]). Bl-istess mod, il-Kummissjoni sabet distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-settur tal-azzar fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż, tar-Regolament bażiku ([14]), kif ukoll distorsjonijiet fis-swieq finanzjarji fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż, tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-kapital għall-atturi korporattivi fir-RPĊ ([15]).

(55) Bħal fl-investigazzjonijiet preċedenti rigward is-settur tal-azzar fir-RPĊ, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni eżaminat jekk kienx xieraq jew le li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ, minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni għamlet dan abbażi tal-evidenza disponibbli fil-fajl, inkluża l-evidenza li tinsab fit-talba, kif ukoll fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar "Significant Distortions in the Economy of the People's Republic of China for the Purposes of Trade Defense Investigations" ([16]) ("ir-Rapport"), li jibbaża fuq sorsi disponibbli għall-pubbliku. Dik l-analiżi kopriet l-eżami tal-interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija tar-RPĊ b'mod ġenerali, iżda wkoll is-sitwazzjoni speċifika tas-suq fis-settur rilevanti inkluż il-prodott taħt rieżami. Il-Kummissjoni kompliet tissupplimenta dawn l-elementi evidenzjarji bir-riċerka tagħha stess dwar id-diversi kriterji rilevanti biex tikkonferma l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ, kif misjub ukoll mill-investigazzjonijiet preċedenti tagħha f'dan ir-rigward.

(56) It-talba allegat li l-ekonomija Ċiniża kollha kemm hi hija influwenzata u affettwata ħafna minn diversi interventi li jinkludu kollox mill-GTĊ jew minn awtoritajiet pubbliċi oħra fuq diversi livelli tal-gvern, fid-dawl ta' liema prezzijiet u kostijiet domestiċi tal-industrija tal-azzar Ċiniża ma jistgħux jintużaw f'din l-investigazzjoni. Biex tappoġġa l-pożizzjoni tagħha, it-talba rreferiet għall-investigazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni tas-settur tal-azzar Ċiniż ([17]).

(57) B'mod aktar speċifiku, it-talba indikat li fl-isfond tal-prinċipju "ekonomija tas-suq soċjalista" stabbilit fil-Kostituzzjoni tar-RPĊ, l-omnipreżenza tal-Partit Komunista Ċiniż ("CCP") u l-influwenza tiegħu fuq l-ekonomija permezz ta' inizjattivi ta' ppjanar strateġiku - bħat-13 u l-14-il Pjan ta' 5 Snin ("FYP") - l-intervent tal-GTĊ jieħu diversi forom, jiġifieri forma amministrattiva, finanzjarja u regolatorja.

(58) It-talba pprovdiet eżempji ta' elementi li jindikaw l-eżistenza ta' distorsjonijiet, kif elenkati fl-ewwel sas-sitt sing tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. B'mod partikolari, b'referenza għal investigazzjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni fis-settur tal-azzar u għar-Rapport, l-applikant issottometta li:

— L-istruttura ġenerali tal-ekonomija Ċiniża mhux biss tippermetti interventi sostanzjali mill-gvern fl-ekonomija, iżda dawn l-interventi huma obbligatorji b'mod espliċitu. Il-kunċett tas-supremazija tas-sjieda pubblika fuq dik privata huwa mifrux fl-ordinament ġuridiku kollu u huwa enfasizzat bħala prinċipju ġenerali fl-atti leġiżlattivi

([13]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa (74); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191 il-premessa 202, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95 il-premessa 53, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2239 il-premessi 67-74, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/635 il-premessi 130-133.

([14]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa (75); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191 il-premessa 203, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95 il-premessa 54, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2239 il-premessi 67-74, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/635 il-premessi 134-135.

([15]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2068, il-premessa (76); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191 il-premessa 204, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95 il-premessa 55, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2239 il-premessi 67-74, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/635 il-premessi 136-145.

([16]) Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD (2017) 483 final/2, 20. 12. 2017, disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/detail?ref=SWD(2017)483&lang=en

([17]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 tal-5 ta' April 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 92, 6.4.2017, p. 68); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/969 tat-8 ta' Ġunju 2017 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 146, 9.6.2017, p. 17); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/688 tat-2 ta' Mejju 2019 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ta' azzar miksi b'materjal organiku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ĠU L 116, 3.5.2019, p. 39).

prinċipali kollha. Il-liġi Ċiniża fil-qasam tal-proprjetà hija eżempju ewlieni: hija tirreferi għall-istadju primarju tas-soċjaliżmu u tafda lill-Istat bil-ħarsien tas-sistema ekonomika bażika li permezz tagħha s-sjieda pubblika għandha rwol dominanti. Forom oħrajn ta' sjieda huma ttollerati, bil-liġi tippermettilhom jiżviluppaw flimkien mas-sjieda tal-Istat;

— L-Istat Ċiniż mhux biss jifformula u jissorvelja b'mod attiv l-implimentazzjoni ta' politiki ekonomiċi ġenerali mill-intrapriżi individwali tal-Istat ("SOEs"), iżda jsostni wkoll id-drittijiet tiegħu li jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet operazzjonali fl-SOEs. Tipikament dan isir permezz tar-rotazzjoni ta' uffiċjali tal-partit (cadres) bejn l-awtoritajiet tal-gvern u l-SOEs, permezz tal-preżenza ta' membri tal-partit fuq il-korpi eżekuttivi tal-SOEs u ta' ċelloli tal-partit fil-kumpaniji, kif ukoll permezz tat-tfassil tal-istruttura korporattiva tas-settur tal-SOEs. Bi skambju għal dan, l-SOEs igawdu status partikolari fl-ekonomija Ċiniża. Dan l-istatus jinvolvi għadd ta' benefiċċji ekonomiċi, b'mod partikolari l-protezzjoni mill-kompetizzjoni u l-aċċess preferenzjali għall-inputs rilevanti, inkluż il-finanzjament. Imġiba ta' ingranaġġ u ta' produttività tax-xogħol ogħla jwasslu għal żieda fid-dejn tal-SOE, ikkawżata minn tnaqqis fil-kostijiet tal-imgħax. Dan juri kemm il-kundizzjonijiet monetarji jistgħu jwasslu faċilment għal akkumulazzjoni rapida tad-dejn tal-SOE ([18]);

— Fil-livell tal-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, is-sistema finanzjarja tar-RPĊ hija ddominata mill-banek kummerċjali tal-Istat. Dawk il-banek, meta jkunu qed jistabbilixxu u jimplimentaw il-politika tas-self tagħhom iridu jallinjaw lilhom infushom mal-objettivi tal-politika industrijali tal-gvern minflok ma jivvalutaw qabel kollox il-merti ekonomiċi ta' proġett partikolari. L-istess japplika għall-komponenti l-oħra tas-sistema finanzjarja Ċiniża, bħas-swieq tal-istokks, is-swieq tal-bonds, is-swieq tal-ekwità privati eċċ. Barra minn hekk, il-kostijiet tas-self inżammu baxxi b'mod artifiċjali biex jistimulaw it-tkabbir tal-investiment, li wassal għall-użu eċċessiv tal-investiment kapitali b'redditi dejjem aktar baxxi fuq l-investiment;

— L-industrija tal-azzar titqies bħala settur importanti fundamentali tal-ekonomija Ċiniża, pedament nazzjonali ([19]) mill-GTĊ, u bħala tali hija industrija partikolarment appoġġata ([20]). Barra minn hekk, mill-ħames produtturi tal-azzar Ċiniżi kklassifikati fl-ogħla 10 fost l-akbar produtturi tal-azzar fid-dinja, erbgħa huma SOEs. Minħabba l-livell għoli ta' intervent tal-gvern fl-industrija tal-azzar u sehem kbir ta' SOEs fis-settur, anki l-produtturi privati tal-azzar ma jitħallewx joperaw skont il-kundizzjonijiet tas-suq;

— Is-sistema Ċiniża tal-falliment jidher li ma hijiex adegwata biex tilħaq l-objettivi prinċipali tagħha stess bħal dak li tħallas il-pretensjonijiet u d-djun b'mod ġust u li tissalvagwardja d-drittijiet u l-interessi legali tal-krediturі u tad-debituri;

— In-nuqqasijiet tas-sistema tad-drittijiet tal-proprjetà huma partikolarment ovvji fir-rigward tas-sjieda tad-drittijiet għall-art u għall-użu tal-art fiċ-Ċina. L-art kollha hija proprjetà tal-Istat Ċiniż (art rurali bi proprjetà kollettiva u art urbana tal-Istat). L-allokazzjoni tagħha għadha tiddependi biss mill-Istat ([21]);

— Il-ħaddiema u l-impjegaturi huma mxekkla fid-drittijiet tagħhom għall-organizzazzjoni kollettiva u l-mobbiltà hija ristretta mis-sistema ta' reġistrazzjoni tal-unitajiet domestiċi, li tillimita l-aċċess għall-firxa sħiħa ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali u benefiċċji oħra. Dan iwassal biex il-kostijiet lavorattivi jkunu distorti minħabba li ma humiex ir-riżultat ta' forzi normali tas-suq jew ta' negozjati bejn il-kumpaniji u l-forza tax-xogħol.

(59) Il-GTĊ la kkummenta u lanqas ma pprovda evidenza li tappoġġa jew li tirribatti l-evidenza eżistenti fil-fajl tal-każ, inkluż ir-Rapport u l-evidenza addizzjonali li ġiet ipprovduta mill-applikant, dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti u/jew dwar l-adegwatezza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fil-każ inkwistjoni.

([18]) L-OECD, State-owned Firms behind China's Corporate Debt, Economics Department Working Papers no. 1536, Frar 2019. https://www.oecd-ilibrary.org/economics/state-owned-firms-behind-china-s-corporate-debt_7c66570e-en

([19]) L-introduzzjoni għall-Pjan għall-Aġġustament u l-Aġġornament tal-Industrija tal-Azzar.

([20]) Il-Katalogu għall-Iggwidar tar-Ristrutturar tal-Industrija (il-Verżjoni tal-2011) (l-Emenda tal-2013) maħruġ bl-Ordni Nru 9 tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u għar-Riforma fis-27 ta' Marzu 2011, u emendat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u għar-Riforma dwar l-Emendar tal-Klawżoli Rilevanti tal-Katalogu għall-Iggwidar tar-Ristrutturar tal-Industrija (il-Verżjoni tal-2011) maħruġa bl-Ordni Nru 21 tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u għar-Riforma fis-16 ta' Frar 2013.

([21]) Marketplace, 'Industrial Policy: If China does it, why can't we?', 1 ta' Marzu 2021. https://www.marketplace.org/2021/03/01/industrial-policy-if-china-does-it-why-cant-we/

(60) Speċifikament fis-settur tal-prodott taħt rieżami, jiġifieri s-settur tal-azzar, għad hemm grad sostanzjali ta' sjieda mill-GTĊ fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku. L-investigazzjoni kkonfermat li żewġ produtturi prinċipali tal-prodott taħt rieżami, jiġifieri Daye Special Steel ltd u Zhejiang Pacific Seamarch Tube huma proprjetà tal-Istat. Daye Special Steel ltd u Zhejiang Pacific Seamar Tube, huma sussidjarji ta' CITIC Pacific Special steel. CITIC Pacific Special Steel hija waħda mill-akbar manifatturi ddedikati tal-azzar speċjali fiċ-Ċina ([22]), u tappartjeni għal CITIC Limited, li hija SOE u waħda mill-akbar konglomerati taċ-Ċina ([23]). Fir-Rapport annwali tagħha tal-2021, is-CITIC tiddikjara li "*CITIC hija impenjata li twettaq l-istrateġija nazzjonali, inkluża t-trasformazzjoni ekoloġika u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, sabiex tissodisfa l-14-il Pjan ta' 5 snin. Aħna se nistinkaw ukoll biex insiru pijunieri fost l-intrapriżi tal-Istat fil-kontribut għall-objettivi doppji tagħna tal-karbonju u biex insiru mudell tal-ESG fis-suq kapitali* ([24])".

(61) Kemm l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll dawk privati fis-settur tal-azzar huma soġġetti għal superviżjoni u gwida tal-politika. L-aktar dokumenti ta' politika Ċiniżi reċenti dwar is-settur tal-azzar jikkonfermaw l-importanza kontinwa li l-GTĊ jattribwixxi għas-settur, inkluża l-intenzjoni li jintervjeni fis-settur sabiex jifformah f'konformità mal-politiki tal-gvern. Dan huwa eżemplifikat mill-abbozz ta' Opinjoni Gwida tal-Ministeru għall-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni dwar it-Trawwim ta' Żvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tal-Azzar li titlob aktar konsolidazzjoni tal-pedament industrijali u titjib sinifikanti fil-livell ta' modernizzazzjoni tal-katina industrijali ([25]), mill-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima li skontu s-settur se "jaderixxi mal-kombinazzjoni tat-tmexxija tas-suq u l-promozzjoni tal-gvern" u se "jikkultiva grupp ta' kumpaniji ewlenin bi tmexxija ekoloġika u b'kompetittività ewlenija" ([26]), jew ukoll mill-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tar-Ruttam tal-Metall li l-objettivi ewlenin tiegħu huma li "jiżdied kontinwament il-proporzjon tal-applikazzjoni tar-ruttam tal-metall, u sa tmiem l-14-il FYP, il-proporzjon komprensiv tar-ruttam tal-produzzjoni nazzjonali tal-azzar se jilħaq it-30 %" ([27]).

(62) Eżempji simili tal-intenzjoni tal-awtoritajiet Ċiniżi li jissorveljaw u jiggwidaw l-iżviluppi tas-settur jidhru fil-livell provinċjali, bħal f'Hebei li qed jippjana li "*jimplimenta b'mod kostanti l-iżvilupp tal-grupp ta' organizzazzjonijiet, jaċċellera r-riforma tas-sjieda mħallta ta' intrapriżi tal-Istat, jiffoka fuq il-promozzjoni tal-fużjoni u r-riorganizzazzjoni interreġjonali tal-intrapriżi privati tal-ħadid u tal-azzar, u jistinka biex* jistabbilixxi *minn wieħed sa żewġ gruppi kbar ta' klassi dinjija, minn tlieta sa ħames gruppi kbar b'influwenza domestika bħala appoġġ*" u li "*jespandi aktar il-kanali tar-riċiklaġġ u taċ-ċirkolazzjoni tar-ruttam tal-metall, u jsaħħaħ l-iskrinjar u l-klassifikazzjoni tar-ruttam tal-metall*" ([28]). Barra minn hekk, il-pjan ta' Hebei fis-settur tal-azzar jiddikjara: "*Ikun hemm konformità mal-aġġustament strutturali u tiġi enfasizzata d-diversifikazzjoni tal-prodott. Jiġi promoss mingħajr waqfien l-aġġustament strutturali u jiġi ottimizzat it-tqassim tal-industrija tal-ħadid u tal-azzar, tiġi promossa l-konsolidazzjoni, ir-riorganizzazzjoni, it-trasformazzjoni u l-aġġornament tal-intrapriżi, u jiġi promoss b'mod komprensiv l-iżvilupp tal-industrija tal-ħadid u tal-azzar lejn intrapriżi fuq skala kbira, il-modernizzazzjoni tat-tagħmir tekniku, id-diversifikazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni, u d-diversifikazzjoni tal-prodotti downstream*".

(63) Bl-istess mod, il-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Henan għat-Trasformazzjoni u l-Modernizzazzjoni tal-Industrija tal-Azzar matul l-14-il FYP jipprevedi l-"kostruzzjoni ta' bażijiet karatteristiċi għall-produzzjoni tal-azzar […], il-bini ta' sitt bażijiet karatteristiċi għall-produzzjoni tal-azzar f'Anyang, Jiyuan, Pingdingshan, Xinyang, Shangqiu, Zhouou, eċċ., u t-titjib tad-daqs, l-intensifikazzjoni, u l-ispeċjalizzazzjoni tal-industrija. *Fosthom, sal-2025, il-kapaċità tal-produzzjoni tal-ħadid fondut grezz f'Angyang se tiġi kkontrollata sa 14-il miljun tunnellata, u l-kapaċità tal-produzzjoni tal-azzar mhux maħdum se tiġi kkontrollata sa 15-il miljun tunnellata*" ([29]).

([22]) Ara: https://en.citicsteel.com
([23]) Ara CITIC Limited Annual Report 2021. 20220421630869.pdf (citic.com)
([24]) Ara r-Rapport Annwali tal-2021 tas-CITIC, il-paġna 144. 20220421630869.pdf (citic.com)
([25]) Ara:https://www.miit.gov.cn/jgsj/ycls/gzdt/art/2020/art_8fc2875eb24744f591bfd946c126561f.html (aċċessat fl-24 ta' Frar 2023).
([26]) Ara t-Taqsima IV, is-Sottotaqsima 3 tal-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima.
([27]) Ara t-Taqsima II, is-Sottotaqsima 1 tal-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tar-Ruttam tal-Metall.
([28]) Ara l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tliet Snin tal-Provinċja ta' Hebei dwar l-Iżvilupp tal-Cluster fil-Katina tal-Industrija tal-Azzar, il-Kapitolu I, it-Taqsima 3; disponibbli fuq: https://huanbao.bjx.com.cn/news/20200717/1089773.shtml (aċċessat fl-24 ta' Frar 2023).
([29]) Ara l-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Henan għat-Trasformazzjoni u l-Aġġornament tal-Industrija tal-Azzar matul l-14-il FYP, il-Kapitolu II, it-Taqsima 3; disponibbli fuq: https://huanbao.bjx.com.cn/news/20211210/1192881.shtml (aċċessat fit-23 ta' Frar 2023).

(64) Aktar objettivi tal-politika industrijali jidhru wkoll fid-dokumenti tal-ippjanar ta' provinċji oħra, bħal Jiangsu ([30]), Shandong ([31]), Shanxi ([32]), Liaoning Dalian ([33]) jew Zhejiang ([34]).

(65) Fir-rigward tal-fatt li l-GTĊ huwa f'pożizzjoni li jinterferixxi mal-prezzijiet u mal-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), ma kienx possibbli li tiġi stabbilita sistematikament l-eżistenza ta' konnessjonijiet personali bejn il-produtturi tal-prodott taħt rieżami u s-CCP. Madankollu, hemm xi eżempji speċifiċi għall-prodott taħt rieżami.

(66) Pereżempju, il-President tal-Bord tad-Diretturi tas-CITIC Pacific Special Steel huwa segretarju tal-Kumitat tal-Partit ([35]). Barra minn hekk, il-President tal-bord superviżorju ta' CITIC Pacific Special Steel huwa Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit ([36]).

(67) Barra minn hekk, politiki li jiddiskriminaw favur il-produtturi domestiċi jew li b'xi mod ieħor jinfluwenzaw is-suq fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), it-tielet inċiż, tar-Regolament bażiku huma stabbiliti fis-settur tal-prodott taħt rieżami. L-investigazzjoni identifikat dokumenti oħra li juru li l-industrija tibbenefika minn gwida u intervent governattivi fis-settur tal-azzar, minħabba li l-prodott taħt rieżami jirrappreżenta wieħed mis-subsetturi tagħha.

(68) L-industrija tal-azzar tibqa' titqies bħala industrija essenzjali mill-GTĊ ([37]). Dan huwa kkonfermat fil-bosta pjanijiet, direttivi u dokumenti oħrajn iffokati fuq l-azzar, li jinħarġu fil-livell nazzjonali, reġjonali u muniċipali. Skont l-14-il FYC, il-GTĊ immarka lill-industrija tal-azzar għat-trasformazzjoni u għall-aġġornament, kif ukoll għall-ottimizzazzjoni u għall-aġġustament strutturali ([38]). B'mod simili, l-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima, applikabbli wkoll għall-industrija tal-azzar, jelenka s-settur bħala l-"pedament tal-ekonomija reali" u "qasam ewlieni li jsawwar il-vantaġġ kompetittiv internazzjonali taċ-Ċina" u jistabbilixxi għadd ta' objettivi u metodi ta' ħidma li jixprunaw l-iżvilupp tas-settur tal-azzar fil-perjodu ta' żmien mill-2021 sal-2025, bħall-modernizzazzjoni teknoloġika, it-titjib tal-istruttura tas-settur (mhux l-anqas permezz ta' aktar konċentrazzjonijiet korporattivi) jew it-trasformazzjoni diġitali ([39]).

(69) Il-materja prima importanti użata għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami hija l-mineral tal-ħadid. Il-mineral tal-ħadid jissemma wkoll fl-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima, li fih l-Istat qed jippjana li"jiżviluppa b'mod razzjonali r-riżorsi minerali domestiċi. Isaħħaħ *l-esplorazzjoni tal-mineral tal-ħadid* […], *jimplimenta politiki tat-taxxa preferenzjali, jinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' teknoloġija u tagħmir avvanzati biex titnaqqas il-ġenerazzjoni ta' skart solidu mill-minjieri*." ([40]) Fil-provinċji, bħal Hebei, l-awtoritajiet jipprevedu dan li ġej għas-settur: "*sussidju ta' skont fuq l-investiment ta' proġett ġdid; jesplora u jiggwida lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex jipprovdu self b'imgħax baxx lill-intrapriżi tal-ħadid u tal-azzar biex jaqilbu għal industriji ġodda, u fl-istess ħin, il-gvern se jipprovdi sussidji*

([30]) Il-Pjan ta' Ħidma tal-Provinċja ta' Jiangsu għat-Trasformazzjoni u l-Aġġornament tas-Settur tal-Azzar u l-Ottimizzazzjoni tat-Tqassim għall-2019-2025; disponibbli fuq: http://www.jiangsu.gov.cn/art/2019/5/5/art_46144_8322422.html (aċċessat fit-23 ta' Frar 2023).

([31]) L-14-il FYP tal-Provinċja ta' Shandong dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Azzar; disponibbli fuq: http://gxt.shandong.gov.cn/art/2021/11/18/art_15681_10296246.html (aċċessat fit-23 ta' Frar 2023).

([32]) Il-Pjan ta' Azzjoni għat-Trasformazzjoni u l-Aġġornament tal-Industrija tal-Azzar għall-2020 tal-Provinċja ta' Shanxi; disponibbli fuq: http://gxt.shanxi.gov.cn/zfxxgk/zfxxgkml/cl/202110/t20211018_2708031.shtml (aċċessat fit-23 ta' Frar 2023).

([33]) L-14-il FYP tal-Muniċipalità ta' Liaoning Dalian dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Manifattura: "*Sal-2025, il-valur tal-output industrijali ta' materjali ġodda se jilħaq 15-il miljun CNY, u l-livell ta' tagħmir u l-kapaċità ta' garanzija tal-materjali ewlenin huwa ovvjament imtejjeb*."; disponibbli fuq: https://www.dl.gov.cn/art/2021/12/20/art_854_1995411.html (aċċessat fit-23 ta' Frar 2023).

([34]) Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Provinċja ta' Zhejiang biex Jitrawwem Żvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tal-Azzar: "*Trawwem fużjonijiet u riorganizzazzjoni tal-intrapriżi, taċċellera l-proċess ta' konċentrazzjoni, tnaqqas in-numru ta' intrapriżi tat-tidwib tal-azzar għal madwar għaxar intrapriżi*"; disponibbli fuq: https://www.dl.gov.cn/art/2021/12/20/art_854_1995411.html (aċċessat fit-23 ta' Frar 2023).

([35]) Il-paġna 38 tar-Rapport Annwali tal-2021 ta' CITIC Pacific special steel; disponibbli fuq: file.finance.sina.com.cn/211.154.219.97:9494/MRGG/CNSESZ_STOCK/2022/2022-3/2022-03-11/7877748.PDF (aċċessat fit-23 ta' Frar 2023).

([36]) *Ibid*., p. 39.

([37]) Ir-Rapport, il-Parti III, il-Kapitolu 14, p. 346 ff.

([38]) Ara l-14-il Pjan ta' 5 Snin tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali Nazzjonali u l-Objettivi fit-Tul għall-2035, il-Parti III, l-Artikolu VIII, disponibbli fuq: https://cset.georgetown.edu/publication/china-14th-five-year-plan/ (aċċessat fit-23 ta' Frar 2023).

([39]) Ara b'mod partikolari t-Taqsimiet I u II tal-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima.

([40]) Ara l-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima, p. 22.

ta' skont" ([41]). Fil-qosor, il-GTĊ għandu miżuri stabbiliti sabiex iħeġġeġ lill-operaturi jikkonformaw mal-objettivi tal-politika pubblika li jappoġġaw lill-industriji mħeġġa, inkluża l-produzzjoni tal-materja prima ewlenija li tintuża fil-manifattura tal-prodott taħt rieżami. Tali miżuri jimpedixxu l-forzi tas-suq milli joperaw b'mod ħieles.

(70) Il-prodott taħt rieżami huwa affettwat ukoll mid-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż, tar-Regolament bażiku, kif imsemmi wkoll hawn fuq fil-premessa (58). Dawk id-distorsjonijiet jaffettwaw is-settur kemm direttament (meta jiġi prodott il-prodott taħt rieżami jew l-inputs ewlenin), kif ukoll indirettament (meta jkun hemm aċċess għal inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema tax-xogħol fir-RPĊ) ([42]).

(71) Barra minn hekk, ma tressqet l-ebda evidenza fl-investigazzjoni attwali li turi li s-settur tal-prodott taħt rieżami ma huwiex affettwat mill-intervent tal-gvern fis-sistema finanzjarja fis-sens tas-sitt inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, kif imsemmi wkoll hawn fuq fil-premessa (58). Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal biex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati b'mod serju fil-livelli kollha.

(72) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tfakkar li sabiex jiġi mmanifatturat il-prodott taħt rieżami, huma meħtieġa għadd ta' inputs. Meta l-produtturi tal-prodott taħt rieżami jixtru/jikkuntrattaw dawn l-inputs, il-prezzijiet li dawn iħallsu (u li jiġu rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) huma esposti b'mod ċar għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmija qabel. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs iħaddmu manodopera li tkun soġġetta għad-distorsjonijiet. Huma jistgħu jissellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fis-settur finanzjarju/l-allokazzjoni tal-kapital. Barra minn hekk, huma soġġetti għas-sistema ta' ppjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u tas-setturi.

(73) B'konsegwenza ta' dan, mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-prodott taħt rieżami ma humiex xierqa għall-użu fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, iżda l-kostijiet tal-inputs kollha (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, il-manodopera, eċċ.) huma wkoll affettwati minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern, kif deskritt fil-Partijiet I u II tar-Rapport. Tabilħaqq, l-interventi tal-gvern deskritti fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital, tal-art, tal-manodopera, tal-enerġija u tal-materja prima huma preżenti fir-RPĊ kollha. Dan ifisser, pereżempju, li input li, minnu nnifsu kien prodott fir-RPĊ permezz ta' taħlita ta' firxa ta' fatturi tal-produzzjoni, huwa espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-istess japplika għall-input, lejn l-input u l-bqija.

(74) Fil-qosor, l-evidenza disponibbli wriet li l-prezzijiet jew il-kostijiet tal-prodott taħt rieżami, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tal-manodopera, ma humiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħielsa minħabba li huma affettwati minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, kif muri mill-impatt reali jew potenzjali ta' wieħed jew aktar mill-elementi rilevanti elenkati fih. Abbażi ta' dan, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kooperazzjoni mill-GTĊ, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi biex jiġi stabbilit il-valur normali f'dan il-każ. Konsegwentement, il-Kummissjoni pproċediet sabiex taħdem il-valur normali esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ, li jirriflettu prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, abbażi tal-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni u l-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, kif deskritt fit-taqsima li ġejja.

(75) L-ebda evidenza jew argument għall-kuntrarju ma tressqu mill-GTĊ f'din l-investigazzjoni.

([41]) Ara l-Pjan ta' Azzjoni għall-2022 dwar il-Ħadid u l-Azzar 1 + 3 tal-Muniċipalità Hebei Tangshan, il-Kapitolu 4, it-Taqsima 2; disponibbli fuq: http://www.chinaisa.org.cn/gxportal/xfgl/portal/content.html?articleId=e2bb5519aa49b566863081d57aea9dfdd59e1a4f482bb7acd243e3ae7657c70b&columnId=3683d857cc4577e4cb75f76522b7b82cda039ef70be46ee37f9385ed3198f68a (aċċessat fit-23 ta' Frar 2023).

([42]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/635, il-premessi 134-135 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/508, il-premessi 143-144.

4.4. **Pajjiż rappreżentattiv**

4.4.1. *Kummenti ġenerali*

(76) L-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin, skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku:

— Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni użat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross *per capita* simili għar-RPĊ abbażi tal-bażi tad-*data* tal-Bank Dinji ([43]);

— Il-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami f'dak il-pajjiż ([44]);

— Id-disponibbiltà ta' *data* pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv.

— F'każ li jkun hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, jenħtieġ li tingħata preferenza, meta jkun xieraq, lill-pajjiż li jkollu livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

(77) Kif huwa spjegat fil-premessa (49), il-Kummissjoni ħarġet Nota dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali. Din in-Nota tiddeskrivi l-fatti u l-evidenza sottostanti tal-kriterji rilevanti. In-Nota infurmat ukoll lill-partijiet interessati bl-intenzjoni tal-Kummissjoni li tqis lill-Messiku bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq f'dan il-każ jekk tiġi kkonfermata l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

4.4.2. *Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ u l-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami*

(78) Fin-Nota, il-Kummissjoni identifikat 55 pajjiż bħala pajjiżi b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħall-PRC skont il-Bank Dinji, jiġifieri lkoll huma kklassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi "b'introjtu medju superjuri" fuq bażi tal-introjtu nazzjonali gross ([45]).

(79) Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, il-prodott taħt rieżami huwa prodott f'seba' pajjiżi: il-Kanada, il-Ġappun, il-Messiku, il-Federazzjoni Russa, l-Arabja Sawdija, il-Korea t'Isfel u l-Istati Uniti. Tnejn biss mis-seba' pajjiżi huma fost il-55 pajjiż identifikat mill-Bank Dinji bħala li għandhom introjtu nazzjonali gross simili għar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina–il-grupp "introjtu medju superjuri". Dawn il-pajjiżi huma l-Messiku u l-Federazzjoni Russa.

(80) Il-Kummissjoni vvalutat ukoll l-eżistenza ta' distorsjonijiet tas-suq skont ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni u/jew l-importazzjoni fuq il-prodott taħt rieżami kif ukoll fuq il-materja prima, jiġifieri dawk li jirrappreżentaw l-aktar elementi importanti tal-kost tal-manifattura użati għall-produzzjoni taħt rieżami. Hija sabet li fil-Federazzjoni Russa, jeżistu restrizzjonijiet kummerċjali fuq ir-ruttam tal-azzar, l-elettriku u l-gass, li kollha huma fatturi ta' produzzjoni importanti użati għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami. Fid-dawl ta' dawn ir-restrizzjonijiet kummerċjali fil-Federazzjoni Russa, il-Kummissjoni qieset li l-Federazzjoni Russa ma setgħetx titqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

(81) Ma nstabet l-ebda restrizzjoni bħal dawn għall-Messiku. Il-Messiku għandu l-istess livell ta' żvilupp ekonomiku bħar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u ma nstabet l-ebda restrizzjoni fuq il-fatturi tal-produzzjoni u lanqas fuq il-prodott taħt rieżami.

([43]) Id-*Data* Miftuħa tal-Bank Dinji – Introjtu Medju Superjuri, https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income.

([44]) Jekk ma jkun hemm l-ebda produzzjoni tal-prodott taħt rieżami fi kwalunkwe pajjiż li jkollu livell simili ta' żvilupp, tista' titqies il-produzzjoni ta' prodott fl-istess kategorija ġenerali u/jew settur tal-prodott taħt rieżami.

([45]) Wara li tneħħiet il-Bulgarija, li hija membru tal-UE, il-pajjiżi "b'introjtu medju superjuri" li ġejjin jistgħu jitqiesu għall-proċess tal-identifikazzjoni tal-pajjiż rappreżentattiv possibbli: l-Albanija, is-Samoa Amerikana, l-Arġentina, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarussja, il-Belize, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Botswana, il-Brażil, il-Kolombja, il-Costa Rica, Kuba, Dominica, ir-Repubblika Dominicana, l-Ekwador, il-Guinea Ekwatorjali, Fiġi, il-Gabon, il-Georgia, Grenada, il-Gwatemala, il-Guyana, l-Indoneżja, l-Iran, l-Iraq, il-Ġamajka, il-Ġordan, il-Każakistan, il-Kosovo, il-Libanu, il-Libja, il-Malażja, il-Maldivi, il-Gżejjer Marshall, il-Messiku, il-Montenegro, in-Namibja, il-Maċedonja ta' fuq, il-Paragwaj, il-Peru, il-Federazzjoni Russa, is-Samoa, is-Serbja, l-Afrika t'Isfel, St. Lucia, St. Vincent u l-Grenadini, is-Suriname, it-Tajlandja, it-Tonga, Türkiye, it-Turkmenistan, it-Tuvalu u l-Venezwela.

(82) Wara l-bidu, il-produtturi esportaturi Daye Special Steel Co., Ltd u Zhejiang Pacific Seamar Steel Tube Co., Ltd argumentaw li l-Messiku jista' ma jissodisfax bis-sħiħ il-kriterji biex ikun pajjiż terz xieraq minħabba li: l-ewwel nett, il-proċess tal-produzzjoni jidher li huwa differenti minn dak li għandhom il-produtturi esportaturi Ċiniżi; u t-tieni, il-firxa ta' prodotti manifatturati mill-produtturi Messikani tidher ħafna aktar ristretta (jew inqas diversifikata) minn dawk manifatturati u esportati mill-produtturi esportaturi Ċiniżi.

(83) Minbarra din l-affermazzjoni ġenerali, is-sottomissjoni tal-produtturi esportaturi ma kien fiha l-ebda evidenza konkreta dwar għaliex il-proċess tal-produzzjoni u l-ambitu tal-prodott tal-produtturi tal-prodott taħt rieżami fil-Messiku kienu differenti meta mqabbla mar-RPĊ, u x'kien ikun l-impatt fuq il-fatturi tal-produzzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni. Ma waslux aktar kummenti.

4.4.3. *Disponibbiltà ta' data pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv*

(84) Il-Kummissjoni analizzat l-importazzjonijiet tal-fatturi ewlenin tal-produzzjoni fil-Messiku. L-analiżi tad-*data* dwar l-importazzjoni wriet li l-fatturi tal-produzzjoni użati għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami huma importati fil-Messiku fi kwantitajiet suffiċjenti biex jikkostitwixxu valur referenzjarju xieraq, u li dawn l-importazzjonijiet ma kinux affettwati mill-importazzjonijiet mir-RPĊ, jew minn xi wieħed mill-pajjiżi elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([46]).

(85) Il-Kummissjoni identifikat ukoll kumpanija — Tamsa — li d-*data* finanzjarja reċenti tagħha għad-determinazzjoni tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, tal-SG&A u tal-profitt, hija disponibbli abbażi tad-*data* finanzjarja tal-Grupp Tenaris (ara t-Taqsima 4.7.5).

(86) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet ikkonċernati li hija għandha l-ħsieb li tuża lill-Messiku bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq u l-kumpanija Tamsa, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku, sabiex tikseb prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni għall-kalkolu tal-valur normali.

(87) Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkummentaw dwar l-adegwatezza tal-Messiku bħala pajjiż rappreżentattiv u ta' Tamsa bħala produttur tal-prodott taħt rieżami fil-pajjiż rappreżentattiv.

(88) Minbarra l-kummenti dettaljati fil-premessa (82), ma wasal l-ebda kumment.

4.5. **Livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali**

(89) Wara li ġie stabbilit li l-Messiku kien l-uniku pajjiż rappreżentattiv xieraq, abbażi tal-elementi kollha msemmija hawn fuq, ma kienx hemm bżonn li titwettaq valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali f'konformità mal-aħħar sentenza tal-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku.

4.6. **Konklużjoni**

(90) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Messiku ssodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku sabiex jitqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

4.7. **Is-sorsi użati sabiex jiġu stabbiliti l-kostijiet mingħajr distorsjoni**

(91) Fin-Nota dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali, il-Kummissjoni elenkat il-fatturi ta' produzzjoni, bħall-materjali, l-enerġija u l-manodopera użati fil-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami mill-produttur esportatur u stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw u jipproponu informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-valuri mingħajr distorsjoni għal kull wieħed mill-fatturi ta' produzzjoni msemmija f'dik in-nota.

([46]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33) kif emendat mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/749 tal-24 ta' Frar 2017 (ĠU L 113, 29.4.2017, p. 11).

(92) Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li, sabiex taħdem il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, hija tuża l-bażi tad-*data* tal-Global Trade Atlas ("GTA") ([47]) biex tistabbilixxi l-kost mingħajr distorsjoni tal-biċċa l-kbira tal-fatturi tal-produzzjoni, b'mod partikolari l-materja prima.

(93) Meta titqies l-informazzjoni kollha bbażata fuq it-talba u l-informazzjoni sussegwenti ppreżentata mill-applikant/il-partijiet interessati u miġbura matul iż-żjarat ta' verifika, ġew identifikati l-fatturi ta' produzzjoni li ġejjin u s-sorsi tagħhom sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku:

Tabella 1

Fatturi ta' produzzjoni u sorsi ta' informazzjoni

Materja prima	Kodiċi tal-komoditajiet fil-Messiku	Valur	Unitajiet	Sors ta' informazzjoni
Billetti (prodott nofsu lest tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat, li fih, bħala toqol, 0,25 % ta' karbonju)	720720	4,72	CNY/KG	GTA
Ilma	22019001 22019090	2,01	CNY/L	GTA
Nitroġenu	280430	1,14	CNY/KG	GTA
Manodopera				
Manodopera	Mhux applikabbli	17,21	CNY/siegħa	Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO)
Enerġija				
Elettriku	Mhux applikabbli	1,09	CNY/kWh	GlobalPetrolPrices.com
Gass	[MHUX APPLIKABBLI]	0,12	CNY/m3	CRE ("Comisión Reguladora de Energía")
Prodott sekondarju/skart				
Ruttam tal-azzar	720410 720441 720449	3,31	CNY/KG	GTA
Għodod li jaqtgħu għar-riċiklaġġ - azzar ruttam	72041001	3,47	CNY/KG	GTA

4.7.1. *Materja prima*

(94) Sabiex jiġi stabbilit il-prezz mingħajr distorsjoni ta' materja prima kif ikkonsenjata sal-bieb tal-fabbrika ta' produttur rappreżentattiv tal-pajjiż, il-Kummissjoni użat bħala bażi l-prezz medju ponderat ta' importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv, kif huwa rrapportat fil-GTA, li miegħu żdiedu d-dazji fuq l-importazzjoni. Ġie ddeterminat prezz tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv bħala medja ponderata tal-prezzijiet unitarji tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha bl-esklużjoni tar-RPĊ u l-pajjiżi li ma humiex membri tad-WTO elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755. Il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi l-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-pajjiż

([47]) https://www.gtis.com/gta/

rappreżentattiv peress li kkonkludiet li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fir-RPĊ minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Minħabba li ma hemm l-ebda evidenza li turi li l-istess distorsjonijiet ma jaffettwawx bl-istess mod il-prodotti maħsubin għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-istess distorsjonijiet affettwaw il-prezzijiet tal-esportazzjoni. Wara li ġew eskluży l-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-pajjiż rappreżentattiv, il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn baqa' rappreżentattiv. Fejn xieraq, il-prezz medju ponderat tal-importazzjoni ġie aġġustat għad-dazji tal-importazzjoni.

(95) Għal għadd ta' fatturi ta' produzzjoni, il-kostijiet effettivi mġarrba mill-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jirrappreżentaw sehem negliġibbli tal-kostijiet totali tal-materja prima fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Peress li l-valur użat għal dawn ma kellu l-ebda impatt apprezzabbli fuq il-kalkoli tal-marġni tad-dumping, irrispettivament mis-sors użat, il-Kummissjoni ddeċidiet li tinkludi dawk il-kostijiet f'oġġetti tal-konsum.

(96) Fl-istqarrija tagħhom wara d-divulgazzjoni finali, il-produtturi esportaturi li kkooperaw ikkontestaw il-metodu użat mill-Kummissjoni biex tikkalkula l-valuri mingħajr distorsjoni għall-oġġetti konsumabbli. Fil-fehma tagħhom, minflok ma jiġi stabbilit l-ammont totali ta' oġġetti tal-konsum bħala perċentwal tal-kostijiet diretti totali tal-materja prima u jiġi applikat dan il-perċentwal għall-kostijiet totali mingħajr distorsjoni tal-materja prima (il-parametru referenzjarju), il-Kummissjoni kien imissha użat valur mingħajr distorsjoni għal kull entrata individwali.

(97) Il-Kummissjoni nnotat li hija l-prattika standard tagħha li ma tikkalkolax parametru referenzjarju individwali għall-oġġetti tal-konsum, iżda li tesprimihom bħala persentaġġ tal-kost totali tal-materja prima fuq il-bażi tad-data tal-kost irrapportata mill-produtturi esportaturi u mbagħad li tapplika dan il-persentaġġ għall-kost ikkalkolat mill-ġdid tal-materjali meta jintużaw il-prezzijiet mingħajr distorsjoni stabbiliti. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (95), dawn il-kostijiet kienu jirrappreżentaw valur negliġibbli u irrispettivament mill-metodu użat, ma kien ikollhom l-ebda impatt apprezzabbli fuq il-kalkoli tal-marġni tad-dumping. Il-Kummissjoni qieset li l-metodoloġija tagħha għall-kalkolu ta' valur mingħajr distorsjoni għall-oġġetti konsumabbli kienet xierqa, billi ppreżervat l-istruttura tal-kostijiet tal-produtturi esportaturi rilevanti. Barra minn hekk, fiż-żmien tal-investigazzjoni l-ebda informazzjoni aħjar ma kienet disponibbli u billi l-produtturi esportaturi ma ssostanzjawx il-kummenti tagħhom billi kkwantifikaw l-impatt tal-użu tal-metodu propost tagħhom. Għalhekk, l-affermazzjoni fir-rigward tal-oġġetti tal-konsum ġiet irrifjutata.

(98) Il-Kummissjoni esprimiet il-kost tat-trasport imġarrab mill-produtturi esportaturi li kkooperaw għall-provvista ta' materja prima bħala perċentwal tal-kost effettiv ta' materja prima bħal din u mbagħad applikat l-istess perċentwal għall-kost mingħajr distorsjoni tal-istess materja prima sabiex jinkiseb il-kost mingħajr distorsjoni tat-trasport. Il-Kummissjoni kkunsidrat li, fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni, il-proporzjon bejn il-materja prima tal-produttur esportatur u l-kostijiet tat-trasport irrapportati jista' jintuża b'mod raġonevoli bħala indikazzjoni biex jiġu stmati l-kostijiet mingħajr distorsjoni tat-trasport tal-materja prima meta tiġi kkonsenjata lill-fabbrika tal-kumpanija.

4.7.2. *Manodopera*

(99) L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("ILO") tipprovdi informazzjoni dwar il-qligħ medju fix-xahar tal-impjegati u s-sigħat medji fil-ġimgħa effettivament maħduma għal kull persuna impjegata fil-Messiku kull sena f'setturi differenti.

(100) Il-Kummissjoni użat dik l-informazzjoni tal-2021 biex tiddetermina l-paga medja fis-siegħa fis-settur tal-manifattura ([48]). Sabiex waslet għall-kost totali tal-manodopera, il-Kummissjoni bbażat fuq id-*data* ppubblikata mill-OECD f'"Taxing Wages 2021", li kopriet il-perjodu tal-2021 ([49]). Mal-paga fis-siegħa fil-manifattura, il-Kummissjoni żiedet il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

([48]) Disponibbli fuq: https://view.officeapps.live.com/op/view.aspx?src=https%3A%2F%2Fwww.ilo.org%2Filostat-files%2FDocuments%2FExcel%2FIndicator%2FEAR_4MTH_SEX_ECO_CUR_NB_A_EN.xlsx&wdOrigin=BROWSELINK (ikkonsultat l-aħħar fil-11 ta' Frar 2023).

([49]) https://www.oecd-ilibrary.org/sites/83a87978-en/1/3/2/24/index.html?itemId=/content/publication/83a87978-en&_csp_=3445743d6909dcc02824b5f0a2e07895&itemIGO=oecd&itemContentType=book (ikkonsultat l-aħħar fl-14 ta' Frar 2023).

4.7.3. *Elettriku*

(101) Il-prezzijiet medji tal-elettriku għan-negozji għal kull kWh fil-Messiku fl-2021 huma ppubblikati minn GlobalPetrolPrices.com, jiġifieri s-sors identifikat fit-talba għal rieżami. Abbażi ta' dan il-prezz, il-Kummissjoni ddeterminat il-prezz medju tal-elettriku fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (2021) ([50]).

4.7.4. *Gass naturali*

(102) Il-prezz tal-gass naturali għall-kumpaniji (utenti industrijali) fil-Messiku huwa ppubblikat mir-regolatur tal-enerġija "*Comisión Reguladora de Energía*" (CRE) fuq bażi ta' kull xahar. Fil-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami l-Kummissjoni użat prezz medju għan-negozji rrapportat mis-CRE ([51]).

4.7.5. *Kostijiet ġenerali tal-manifattura, SG&A u profitti*

(103) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "*il-valur normali maħdum għandu* jinkludi *ammont mingħajr distorsjoni u raġonevoli għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti*". Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura biex ikopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni msemmija hawn fuq.

(104) Sabiex tistabbilixxi ammont mingħajr distorsjoni u raġonevoli għall-SG&A u l-profitti, il-Kummissjoni użat *data* finanzjarja relatata mal-attivitajiet ta' Tamsa, disponibbli fil-kontijiet finanzjarji konsolidati tal-kumpanija omm, Tenaris S.A ([52]).

(105) L-ispejjeż ġenerali tal-manifattura mġarrba mill-produtturi esportaturi li kkooperaw ġew espressi bħala sehem mill-kostijiet tal-manifattura effettivament imġarrba mill-produtturi esportaturi. Dan il-perċentwal ġie applikat għall-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni.

(106) Fil-kummenti tagħhom wara d-divulgazzjoni finali, il-produtturi esportaturi li kkooperaw qajmu dubji dwar il-metodu użat mill-Kummissjoni biex tikkalkula l-ispejjeż ġenerali għall-istess raġunijiet li ddubitaw il-metodu użat għall-kalkolu tal-oġġetti konsumabbli (ara l-premessa 96), bl-argument li l-Kummissjoni minflok ma użat proporzjon għall-ispejjeż ġenerali u applikat dan għall-ispiża diretta mingħajr distorsjoni, kellha tistabbilixxi l-fatturi kollha separatament u tissostitwixxi dawn b'valuri surrogati.

(107) Fir-rigward ta' din l-affermazzjoni, il-Kummissjoni nnotat li d-*data* separata tal-ispejjeż ġenerali għal kull fattur ma kinitx disponibbli faċilment fir-rapporti finanzjarji tal-produttur fil-pajjiż rappreżentattiv. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset li l-metodoloġija tagħha għall-kalkolu ta' valur mingħajr distorsjoni għall-ispejjeż ġenerali kienet xierqa, billi ppreżervat l-istruttura tal-ispejjeż tal-produtturi esportaturi rilevanti. Barra minn hekk, ma kinitx disponibbli informazzjoni aħjar billi l-produtturi esportaturi ma ssuġġerewx valur referenzjarju alternattiv mingħajr distorsjoni għall-ispejjeż ġenerali. Għalhekk, l-affermazzjoni fir-rigward tal-ispejjeż ġenerali ġiet irrifjutata.

4.7.6. *Kalkolu tal-valur normali*

(108) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(109) L-ewwel nett, il-Kummissjoni stabbiliet il-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura. Il-Kummissjoni applikat il-kostijiet unitarji mingħajr distorsjoni għall-konsum effettiv tal-fatturi individwali tal-produzzjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw. Il-Kummissjoni naqqset il-kostijiet tal-manifattura bil-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-prodotti sekondarji użati mill-ġdid fil-proċess ta' produzzjoni. Dawn il-proporzjonijiet ta' konsum ġew ikkonfermati matul il-verifika. Il-Kummissjoni mmultiplikat il-proporzjonijiet tal-konsum bil-kostijiet mingħajr distorsjoni għal kull unità li ġew osservati fil-pajjiż rappreżentattiv (il-Messiku), kif huwa deskritt fit-Tabella 1.

([50]) https://www.globalpetrolprices.com/Mexico/, (ikkonsultat l-aħħar fl-14 ta' Frar 2023).
([51]) https://www.cre.gob.mx/IPGN/index.html, (ikkonsultat l-aħħar fl-14 ta' Frar 2023).
([52]) https://ir.tenaris.com/static-files/ddffd7cb-994e-493a-b85a-2586f03046c6, (ikkonsultat l-aħħar fl-14 ta' Frar 2023).

(110) Ladarba ġie stabbilit il-kost mingħajr distorsjoni tal-manifattura, il-Kummissjoni żiedet il-kostijiet ġenerali tal-manifattura, l-SG&A u l-profitt kif huwa nnutat fit-Taqsima 4.7.5. Il-kostijiet ġenerali tal-manifattura ġew iddeterminati abbażi tad-*data* tal-produtturi esportaturi. L-SG&A u l-profitt ġew iddeterminati abbażi tar-rapporti finanzjarji tal-2021 tal-Grupp Tenaris ([53]), li jinkorpora s-sussidjarja Messikana Tamsa. Il-Kummissjoni żiedet l-entrati li ġejjin fil-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura:

— L-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, li b'kollox kienu jammontaw għal 7,8 % tal-kostijiet diretti tal-manifattura,

— L-SG&A, li ammontaw għal 26,16 % tal-Kostijiet tal-Prodotti Mibjugħa ("COGS") tal-Grupp Tenaris li jinkorpora s-sussidjarja Messikana Tamsa u,

— Profitti, li ammontaw għal 15,34 % tal-COGS kif miksuba mill-Grupp Tenaris.

(111) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(112) Il-produtturi esportaturi kkontestaw il-mod kif l-SG&A u l-profitti ġew iddeterminati mill-Kummissjoni billi staqsew għaliex l-SG&A u l-profitt ġew espressi bħala perċentwal tal-COGS minflok il-fatturat, jekk l-ispejjeż tal-bejgħ dirett kinux inklużi fl-SG&A u għaliex il-Kummissjoni kienet użat l-SG&A u l-profitt tal-Grupp Tenaris minflok il-prodott ikkonċernat tas-sussidjarja Messikana Tamsa.

(113) Il-Kummissjoni nnotat li hi prassi standard li l-SG&A u l-profitt jiġu espressi bħala perċentwal tal-COGS biex jinħadem il-valur normali u li l-ispejjeż diretti tal-bejgħ jiġu inklużi fl-SG&A. Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali jrid jitħaddem fuq il-bażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u jrid jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għall-kostijiet SG&A u għall-profitti. Minn dan isegwi li biex jinħadem il-valur normali bbażat fuq il-kostijiet, l-SG&A u l-profitt li għandhom jiżdiedu ma' dawn il-kostijiet jeħtieġ li jiġu espressi skont dawn il-kostijiet. Il-Kummissjoni użat l-SG&A u l-profitt tal-grupp Tenaris peress li l-SG&A u l-profitt ta' Tamsa ma kinux disponibbli, u minħabba li d-*data* tal-grupp Tenaris kienet l-aħjar alternattiva faċilment disponibbli. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-metodoloġija tagħha għall-kalkolu tal-SG&A u tal-profitt kienet xierqa, mhux l-inqas peress li ma kienet disponibbli l-ebda informazzjoni aħjar u ċaħdet l-affermazzjoni.

4.7.7. *Prezz tal-esportazzjoni*

(114) Il-produtturi esportaturi li kkooperaw esportaw lejn l-Unjoni jew direttament lil klijenti indipendenti jew permezz ta' kummerċjant relatat li jinsab fir-RPĊ.

(115) Il-Kummissjoni ddeterminat il-prezz tal-esportazzjoni bħala l-prezz effettivament imħallas jew li jista' jitħallas għall-prodott taħt rieżami meta mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

4.7.8. *Tqabbil*

(116) Għal kull tip ta' prodott, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali maħdum stabbilit f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku mal-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika kif huwa stabbilit hawn fuq.

(117) Fejn iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għall-imposti bankarji, il-kummissjonijiet, il-kostijiet ta' kreditu, il-merkanzija, l-immaniġġar, skontijiet oħra, ippakkjar u assigurazzjoni.

4.7.9. *Marġnijiet tad-dumping*

(118) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip tal-prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott taħt rieżami, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

([53]) https://ir.tenaris.com/static-files/ddffd7cb-994e-493a-b85a-2586f03046c6, (ikkonsultat l-aħħar fl-14 ta' Frar 2023).

(119) Abbażi ta' dan, il-marġnijiet tad-dumping medji ponderati espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, kienu fil-firxa ta' 10 % sa 44 % għall-produtturi esportaturi li kkooperaw. Għalhekk ġie konkluż li d-dumping tkompla matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

5. PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI TAD-DUMPING

(120) Wara s-sejba tal-eżistenza ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni investigat il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping jekk jitħassru l-miżuri. Ġew analizzati l-elementi addizzjonali li ġejjin: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni.

5.1. Kapaċità tal-produzzjoni u kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ

(121) Skont l-applikanti, ir-RPĊ hija l-akbar produttur tal-prodott taħt rieżami fid-dinja bi 23 produttur, b'total ta' 33 linja ta' produzzjoni.

(122) Fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, skont l-istimi tal-applikanti, il-produzzjoni totali fir-RPĊ tal-prodott taħt rieżami kienet tirrappreżenta madwar 2,3 miljun tunnellata. Skont l-istess sors, il-kapaċità tal-produzzjoni totali stmata kienet ta' 5 miljun tunnellata. Għalhekk, il-kapaċità ta' riżerva biex jiġi manifatturat il-prodott taħt rieżami fir-RPĊ matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienet tirrappreżenta madwar 2,7 miljun tunnellata. Billi l-konsum tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien stmat għal madwar 100 elf tunnellata (ara t-Tabella 2), il-kapaċità ta' riżerva tal-produtturi esportaturi Ċiniżi qabżet il-konsum tal-prodott taħt rieżami fis-suq tal-Unjoni għal madwar 27 darba. B'paragun ma' dan, l-applikanti qiesu li matul l-istess perjodu, il-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-12-il kumpanija eżistenti fil-bqija tad-dinja kienu madwar 2,9 miljun tunnellata ([54]). Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-Gvern taċ-Ċina u l-kooperazzjoni baxxa tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-Kummissjoni ma rċevietx aktar informazzjoni fir-rigward tal-produzzjoni fir-RPĊ u l-importazzjonijiet fl-Unjoni.

(123) Madankollu, fid-dawl tal-livelli (għoljin) ta' produzzjoni u tal-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ meta mqabbla mal-Unjoni, il-Kummissjoni qieset li huwa probabbli li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jidderieġu mill-ġdid il-kapaċitajiet ta' riżerva tagħhom dejjem aktar lejn is-suq tal-Unjoni fi kwantitajiet kbar bi prezzijiet oġġett ta' dumping f'każ li l-miżuri jiskadu.

5.2. L-attraenza tas-suq tal-Unjoni u l-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni.

(124) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-produtturi esportaturi Ċiniżi komplew jesportaw il-prodott taħt rieżami lejn l-Unjoni. L-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw ammontaw, fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, għal 2,9 elf tunnellata, li kienu jirrappreżentaw bejn [2,5-3,5 %] tas-sehem mis-suq fis-suq tal-Unjoni. Kif huwa spjegat fil-premessa (40), peress li l-importazzjonijiet fl-UE huma relatati biss mad-*data* tal-produtturi esportaturi li kkooperaw, filwaqt li l-produzzjoni ġenerali fir-RPĊ fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienet konsiderevolment ogħla, is-sehem mis-suq totali tal-produtturi esportaturi Ċiniżi tal-prodott taħt rieżami fl-Unjoni x'aktarx kien ogħla. Għalhekk, is-suq tal-Unjoni jibqa' suq tal-esportazzjoni attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi, minkejja l-miżuri fis-seħħ.

(125) Fil-fehma tal-applikanti, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni tinsab ukoll fil-livell tal-prezz medju relattivament għoli, is-solvibilità tal-klijenti u l-infrastruttura loġistika tajba b'portijiet, faċilitajiet ta' ħżin u distribuzzjoni mgħammra tajjeb, u livell għoli ta' konsum industrijali. Barra minn hekk, l-Unjoni bħalissa hija l-akbar suq tal-azzar fid-dinja f'termini ta' volumi.

(126) Apparti dan, fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, abbażi tat-tqabbil bejn il-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u l-produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw, il-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi waqqgħu l-prezzijiet tal-Unjoni, meta jiġi eskluż id-dazju anti-dumping (ara l-premessa (140)), li juri li s-suq tal-Unjoni huwa attraenti f'termini ta' prezzijiet.

([54]) Eskluż is-suq tal-Unjoni.

(127) L-implimentazzjoni tal-miżuri tat-taqsima 232 tal-Istati Uniti, u b'mod partikolari d-dazji tal-importazzjoni tagħhom fuq il-prodott ikkonċernat mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, ikomplu jillimitaw il-possibbiltajiet għall-produtturi esportaturi li jesportaw il-prodott ikkonċernat lejn destinazzjonijiet importanti oħra minbarra l-Unjoni.

(128) Għalhekk, f'termini tad-daqs u tal-prezzijiet, is-suq tal-Unjoni baqa' suq attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi.

5.3. **Konklużjoni dwar il-probabbilta ta' kontinwazzjoni tad-dumping**

(129) L-investigazzjoni wriet li matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, l-esportazzjonijiet Ċiniżi komplew jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet oġġett ta' dumping.

(130) Il-kapaċità żejda fir-RPĊ kienet sinifikanti meta mqabbla mal-konsum fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Barra minn hekk, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni f'termini tad-daqs u l-prezzijiet appoġġat il-probabbiltà li l-esportazzjonijiet u l-kapaċità ta' riżerva Ċiniżi jkunu diretti mill-ġdid lejn is-suq tal-Unjoni, f'każ li l-miżuri jiskadu.

(131) Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà li l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping tirriżulta f'żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott taħt rieżami miċ-Ċina lejn l-Unjoni.

(132) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping x'aktarx twassal għal kontinwazzjoni tad-dumping.

6. **DANNU**

6.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(133) Il-prodott simili kien manifatturat minn sitt produtturi li jinsabu fi Stati Membri differenti, matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Huma jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(134) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienet stabbilita għal madwar 196 050 tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-industrija tal-Unjoni, bħall-Assoċjazzjoni Ewropea tat-Tubi tal-Azzar għall-produtturi tal-UE mhux inklużi fil-kampjun u t-tweġibiet għall-kwestjonarju sottomessi mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Kif huwa indikat fil-premessa (20), tliet produtturi tal-Unjoni ntgħażlu fil-kampjun, u dawn jirrappreżentaw kważi 76 % u 67 % tal-volumi totali tal-produzzjoni u tal-bejgħ, rispettivament, tal-produtturi magħrufin tal-Unjoni tal-prodott simili.

6.2. **Konsum tal-Unjoni**

(135) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi tal-istatistika tal-Eurostat dwar l-importazzjoni u l-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fl-Unjoni, kif huwa sottomess mill-applikant għall-produtturi tal-UE mhux inklużi fil-kampjun u t-tweġibiet għall-kwestjonarju sottomessi mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Il-Kummissjoni użat meded ta' *data* għal suq ħieles u ristrett, kif ukoll għall-ishma mis-suq, sabiex tiżgura li ma tiġix divulgata *data* sensittiva għal produttur wieħed tal-Unjoni.

(136) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 2

Konsum tal-Unjoni f'tunnellati

	2018	2019	2020	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Konsum totali tal-Unjoni	111 875	108 571	95 285	102 189
Indiċi	*100*	*97*	*85*	*91*

Suq ristrett	[4 500–5 500]	[9 000–10 000]	[5 500–6 500]	[6 000–7 000]
Indiċi	*100*	*188*	*119*	*126*
Suq ħieles	[100 000–110 000]	[90 000–100 000]	[80 000–90 000]	[86 000–96 000]
Indiċi	*100*	*93*	*84*	*90*

Sors: il-Comext, il-produtturi esportaturi li kkooperaw, l-ESTA u l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(137) Il-konsum tal-Unjoni naqas bi 3 % fil-perjodu bejn l-2018 u l-2019, naqas b'aktar minn 12 % fil-perjodu bejn l-2019 u l-2020, u mbagħad tjieb b'aktar minn 5 % fil-perjodu bejn l-2020 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. B'mod ġenerali, dan naqas b'9 % mill-2018 sal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(138) L-industrija tal-Unjoni rrapportat użu ristrett tal-prodott taħt rieżami li kien jirrappreżenta inqas minn 5 % tal-konsum totali tal-Unjoni fl-2018. Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, dan żdied b'26 %.

(139) Il-konsum tas-suq ħieles naqas b'10 % waqt il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dan naqas b'7 % bejn l-2018 u l-2019, b'9,6 % bejn l-2019 u l-2020, u mbagħad tjieb b'7 % fil-perjodu mill-2020 sal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

6.3. **Importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat**

6.3.1. *Volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(140) Abbażi tad-*data* tal-produtturi esportaturi li kkooperaw, il-volum tal-importazzjonijiet u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami, żviluppaw kif huwa stabbilit hawn taħt. Billi d-*data* ġiet biss minn żewġ produtturi esportaturi, din ġiet ipprovduta f'firxiet għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

(141) L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

Tabella 3

Volum tal-importazzjonijiet (tunnellati) u sehem mis-suq

	2018	2019	2020	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat (tunnellati)	[1 300–1 400]	[1 500–1 600]	[1 250–1 350]	[2 800–2 900]
Indiċi	*100*	*111*	*95*	*204*
Sehem mis-suq	[1–3] %	[1,2–3,2]%	[1,1–3,1]%	[2,5–3,5]%
Indiċi	*100*	*120*	*113*	*227*

Sors: il-produtturi esportaturi li kkooperaw.

(142) Fl-investigazzjoni oriġinali, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet miċ-Ċina fl-Unjoni kien ta' 26,8 %. B'kuntrast għal dan, is-sehem mis-suq kien ta' [2,5–3,5] % matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Konsegwentement, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet miċ-Ċina tnaqqas drastikament bħala riżultat tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ. Madankollu, f'kuntest ta' konsum li qiegħed jonqos, matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni. Il-volum tal-importazzjonijiet totali mir-RPĊ żdied b'104 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u kien jammonta għal [2 800–2 900] tunnellata matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Għalkemm is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdied, dan baqa' relattivament limitat b'[2,5–3,5] % fl-istess perjodu.

(143) B'mod partikolari, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ żdied b'20 % fil-perjodu bejn l-2018 u l-2019, żdied bi 13 % fil-perjodu bejn l-2018 u l-2020 minkejja t-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni tas-suq ħieles b'16 %, u żdied b'127 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Iż-żieda fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ fil-perjodu kkunsidrat seħħet minkejja l-miżuri anti-dumping eżistenti u l-kriżi tal-COVID.

(144) Kif huwa msemmi fil-premessa (42), il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn l-Unjoni tal-prodott taħt rieżami u s-sehem mis-suq tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, huma bbażati fuq id-*data* vverifikata tal-produtturi esportaturi li kkooperaw u l-informazzjoni fit-talba għal rieżami, għall-perjodu taħt kunsiderazzjoni u għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(145) Wara d-divulgazzjoni finali, il-produtturi esportaturi li kkooperaw, Daye Special Steel Co. Ltd, Zhejiang Pacific Seamless Steel Tube Co. u Yangzhou Chengde Steel Pipe, Co. Ltd, argumentaw li mhuwiex ċar għaliex il-volumi tal-importazzjoni użati fl-investigazzjoni kienu bbażati fuq id-*data* rrapportata mill-produtturi esportaturi li kkooperaw minflok il-bażi tad-*data* Comext.

(146) Kif imsemmi fil-premessa (42), il-Kummissjoni qieset li f'dan il-każ, l-informazzjoni statistika ma kinitx affidabbli u ma setgħetx tintuża biex tiddetermina l-volum attwali tal-importazzjonijiet mir-RPĊ u għalhekk ippreferiet li tibbaża s-sejbiet tagħha fuq id-*data* verifikata tal-produtturi esportaturi li kkooperaw. Barra minn hekk, fl-investigazzjoni preżenti ma tressqet l-ebda evidenza li turi li mhuwiex xieraq li jintuża l-volum tal-esportazzjonijiet iddikjarati mill-produtturi esportaturi li kkooperaw. Fuq din il-bażi, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

6.3.2. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u t-twaqqigħ tal-prezz*

(147) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet u t-twaqqigħ tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn l-Unjoni abbażi tad-*data* tal-produtturi esportaturi li kkooperaw.

(148) Billi d-*data* ġiet biss minn żewġ produtturi esportaturi, il-prezz medju tal-importazzjoni ġie pprovdut f'firxiet għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

(149) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppa kif ġej:

Tabella 4

Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/tunnellata)

	2018	2019	2020	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Prezz medju tal-importazzjoni (EUR/tunnellata)	[1 300–1 400]	[1 300–1 400]	[1 300–1 400]	[1 500–1 600]
Indiċi	*100*	*99*	*96*	*113*

Sors: il-produtturi esportaturi li kkooperaw.

(150) Il-prezz medju tal-importazzjoni naqas b'1 % bejn l-2018 u l-2019, naqas b'4 % bejn l-2018 u l-2020, u żdied bi 13 % bejn l-2018 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(151) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami billi qabblet:

1. il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun miġbur mingħand klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati fuq livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika; u

2. il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' kost, assigurazzjoni, u nol (CIF), mingħajr id-dazju anti-dumping, b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(152) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq il-bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet u wara t-tnaqqis tar-ribassi u tal-iskonti. Ir-riżultat tat-tqabbil ġie espress bħala perċentwal tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Dan wera marġni medju ponderat tat-twaqqigħ tal-prezz ta' bejn 21,6 % u 27 %, mingħajr dazji anti-dumping, permezz tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni. Madankollu, meta sar l-istess tqabbil, inklużi d-dazji anti-dumping, ma ġie osservat l-ebda twaqqigħ tal-prezz.

6.3.3. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ*

(153) L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami minn pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ kienu prinċipalment mit-Turkija, mill-Ukrajna u mir-Renju Unit.

(154) Il-volum aggregat tal-importazzjonijiet fl-Unjoni, kif ukoll is-sehem mis-suq u x-xejriet tal-prezzijiet għall-prodott taħt rieżami minn pajjiżi terzi oħrajn, żviluppaw kif ġej:

Tabella 5

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2018	2019	2020	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
It-Tajlandja	Volum (tunnellati)	1 657	4 406	4 925	3 579
	Indiċi	*100*	*266*	*297*	*216*
	Sehem mis-suq	[1,1–2,1] %	[4–5] %	[5–6] %	[3,2–4,2] %
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	1 059	1 105	962	1 071
	Indiċi	*100*	*104*	*91*	*101*
L-Ukrajna	Volum (tunnellati)	1 275	*779*	1 323	*772*
	Indiċi	*100*	*61*	*104*	*61*
	Sehem mis-suq	[0,7–1,7] %	[0,5–1,5]%	[1–2] %	[0,5–1,5] %
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	990	800	672	667
	Indiċi	*100*	*81*	*68*	*67*
Ir-Renju Unit	Volum (tunnellati)	332	542	525	658
	Indiċi	*100*	*163*	*158*	*198*
	Sehem mis-suq	[0,1–0,5] %	[0,3–0,7] %	[0,4–0,8] %	[0,5–0,9] %

	Prezz medju (EUR/tunnellata)	3 100	2 850	2 050	2 169
	Indiċi	*100*	*92*	*66*	*70*
Pajjiżi terzi oħrajn	Volum (tunnellati)	4 979	4 390	2 795	1 502
	Indiċi	*100*	*88*	*56*	*30*
	Sehem mis-suq	[4,2–5,2] %	[4–5] %	[2,5–3,5] %	[1–2] %
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	3 469	1 668	1 832	3 628
	Indiċi	*100*	*48*	*53*	*105*
Total tal-pajjiżi terzi kollha minbarra l-pajjiż ikkonċernat	Volum (tunnellati)	8 243	10 117	9 568	6 511
	Indiċi	*100*	*123*	*116*	*79*
	Sehem mis-suq	[7–8]%	[9,5–10,5]%	[10,5–11,5]%	[6,5–7,5]%
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	2 586	1 419	1 236	1 724
	Indiċi	100	55	48	67

Sors: Comext.

(155) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum tal-importazzjoni mit-Tajlandja żdied b'116 %. Is-sehem mis-suq laħaq sa [5–6] % fl-2020 u naqas matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għal [3,2–4,2] %. Il-prezz ta' importazzjoni medju baqa' pjuttost stabbli matul il-perjodu kkunsidrat. Għall-istess raġunijiet spjegati fil-premessa (140), is-sehem mis-suq tal-pajjiżi l-oħra kollha ġie pprovdut f'firxiet.

(156) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum tal-importazzjoni mill-Ukrajna naqas b'39 %. Is-sehem mis-suq laħaq sa [1–2] % fl-2020 u naqas matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għal [0,5–1,5] %. Il-prezz medju tal-importazzjoni naqas bi 33 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(157) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum tal-importazzjoni mir-Renju Unit żdied bi 98 %. Is-sehem mis-suq żdied matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għal [0,5–0,9] %. Il-prezz medju tal-importazzjoni naqas bi 30 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(158) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra naqas b'70 %. Is-sehem mis-suq laħaq sa [4–5] % fl-2019 u naqas matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għal [1–2] %. B'mod ġenerali, il-prezz medju tal-importazzjoni żdied b'5 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(159) Il-volum tal-importazzjoni mill-pajjiżi terzi kollha minbarra l-pajjiż ikkonċernat naqsu b'21 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Barra minn hekk, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha għajr il-pajjiż ikkonċernat naqas għal [6,5–7,5] %.

6.4. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

6.4.1. *Kummenti ġenerali*

(160) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kienet tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(161) Kif imsemmi fil-premessa (20), il-kampjunar intuża għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni. Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi tad-*data* li tinsab fl-informazzjoni pprovduta mill-applikant, kontroverifikata mat-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u l-istatistika uffiċjali disponibbli. Id-*data* kienet relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi tad-*data* inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u l-istatistika uffiċjali disponibbli. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(162) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(163) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji tal-bejgħ, il-kost unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabilità, il-fluss ta' flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

6.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

6.4.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(164) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 6

Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2018	2019	2020	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	354 212	294 365	237 208	196 050
Indiċi	*100*	*83*	*67*	*55*
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	462 885	393 154	378 657	365 740
Indiċi	*100*	*85*	*82*	*79*
L-użu tal-kapaċità	76,5 %	74,9 %	62,6 %	53,6 %
Indiċi	*100*	*98*	*82*	*70*

Sors: l-ESTA, it-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(165) Il-volum tal-produzzjoni laħaq livelli baxxi rekord matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. B'mod ġenerali, dan naqas b'45 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. B'mod aktar speċifiku, dan naqas bi 17 % bejn l-2018 u l-2019, imbagħad naqas b'aktar minn 19 % bejn l-2019 u l-2020, u b'aktar minn 17 % bejn l-2020 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Dan it-tnaqqis kien ir-riżultat tat-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni kif huwa spjegat fit-taqsima 6.2 hawn fuq.

(166) Il-kapaċità tal-produzzjoni segwiet xejriet simili, billi naqset b'mod ġenerali b'21 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(167) Il-Kummissjoni nnotat li t-tnaqqis fil-kapaċità tal-produzzjoni kien parzjalment dovut għal żewġ kumpaniji fost in-nonapplikanti li waqqfu l-produzzjoni tal-prodott simili fl-2020, AMTP Roman fir-Rumanija, u Vallourec Deutschland fil-Ġermanja. L-aħħar waħda għalqet il-fabbrika tal-produzzjoni tagħha f'Reisholz, il-Ġermanja, f'Ġunju 2020 u l-impjant tal-produzzjoni tagħha f'Rath fi tmiem l-2021.

(168) It-tnaqqis parallel tal-volum tal-produzzjoni u tal-kapaċità tal-produzzjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni rriżulta fi tnaqqis fl-użu tal-kapaċità bi 30 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(169) Għalkemm l-użu tal-kapaċità ma huwiex l-ixprunatur ewlieni fil-profittabbiltà, dan għandu impatt dirett fuq ir-riżultati, billi jsaħħaħ il-piż tal-kostijiet fissi. L-użu tal-kapaċità kien f'livell baxx ħafna, u ħoloq sitwazzjoni ta' fraġilità għolja għall-industrija.

6.4.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(170) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 7

Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq (tunnellati)

	2018	2019	2020	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Volum tal-Bejgħ Totali fis-suq tal-Unjoni (suq ħieles u dak ristrett)	102 246	96 910	84 406	92 851
Indiċi	*100*	*95*	*83*	*91*
Sehem mis-suq fuq il-konsum totali	91,4 %	89,3 %	88,6 %	90,9 %
Indiċi	*100*	*98*	*97*	*99*
Bejgħ fis-suq kaptiv	[4 500–5 500]	[9 000–10 000]	[5 500–6 500]	[6 000–7 000]
Indiċi	*100*	*188*	*119*	*126*
Sehem mis-suq tal-bejgħ fis-suq ristrett	[3,6 %–5,6 %]	[7,9 %–9,9 %]	[6,0 %–7,0 %]	[6,0 %–7,0 %]
Indiċi	*100*	*193*	*140*	*138*
Bejgħ fis-suq ħieles	[95 000–99 000]	[85 000–89 000]	[75 000–79 000]	[85 000–89 000]
Indiċi	*100*	*90*	*81*	*89*
Sehem mis-suq tal-bejgħ fis-suq ħieles fuq il-konsum totali	[83 %–88 %]	[77 %–82 %]	[79 %–84 %]	[82 %–87 %]
Indiċi	*100*	*93*	*95*	*97*

Sors: l-ESTA, it-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(171) Il-bejgħ totali tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni (is-suq ħieles u s-suq ristrett) naqas b'mod konsiderevoli, b'9 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. B'mod partikolari, il-bejgħ naqas b'5 % mill-2018 sal-2019, u mbagħad naqas b'aktar minn 12 % bejn l-2019 u l-2020, u żdied b'aktar minn 9 % mill-2020 sal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, is-sehem mis-suq fuq il-konsum totali tal-industrija tal-Unjoni laħaq sa 90,9 % u naqas b'1 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

6.4.2.3. Tkabbir

(172) Filwaqt li l-konsum naqas b'9 %, il-volumi tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqsu b'45 %, u l-volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (suq ħieles u suq ristrett) naqas b'9 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

6.4.2.4. Impjiegi u produttività

(173) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 8

L-impjiegi u l-produttività

	2018	2019	2020	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Numru ta' impjegati	2 114	1 729	1 568	1 270
Indiċi	*100*	*82*	*74*	*60*
Produttività (f'tunnellati/impjegat)	168	170	151	154
Indiċi	*100*	*102*	*90*	*92*

Sors: l-ESTA, it-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(174) Il-livell tal-impjiegi tal-industrija tal-Unjoni naqas b'40 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u segwa l-istess xejra bħall-volumi tal-produzzjoni tal-Unjoni.

(175) Il-produttività tal-forza tax-xogħol tal-produtturi tal-Unjoni, imkejla bħala output (tunnellati) għal kull persuna impjegata fis-sena, naqset bi 8 % matul il-perjodu kkonċernat minħabba t-tnaqqis fis-suq tad-domanda u t-tnaqqis sussegwenti fil-produzzjoni.

6.4.2.5. Daqs tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat

(176) Il-marġnijiet kollha tad-dumping stabbiliti matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kienu ferm ogħla mil-livell *de minimis*. Fl-istess ħin, il-livell tal-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien limitat ħafna, u jirrappreżenta biss [2,5–3,5] % tal-konsum tal-Unjoni. Għalhekk, l-impatt tad-daqs tal-marġni attwali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien pjuttost limitat.

6.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

6.4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(177) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 9

Il-prezzijiet tal-bejgħ u l-kost tal-produzzjoni fl-Unjoni (EUR/tunnellata)

	2018	2019	2020	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali	1 328	1 331	1 249	1 312
Indiċi	*100*	*100*	*94*	*98*
Il-prezz medju tal-bejgħ unitarju fis-suq ristrett ([55])	[900–1 100]	[1 100–1 300]	[1 100–1 300]	[1 100–1 300]
Indiċi	*100*	*115*	*106*	*116*
Il-prezz medju tal-bejgħ unitarju fis-suq ħieles	1 353	1 354	1 265	1 321
Indiċi	*100*	*100*	*94*	*98*
Kost unitarju tal-produzzjoni	1 227	1 221	1 217	1 416
Indiċi	*100*	*100*	*99*	*115*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarji mill-produtturi tal-Unjoni kkampjunati.

(178) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-prezz tal-industrija tal-Unjoni fis-suq ħieles naqas b'aktar minn 2 % u l-kost unitarju tal-produzzjoni żdied bi 15 %. Wara l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping kontra l-importazzjonijiet Ċiniżi f'Novembru 2016, il-produtturi tal-Unjoni setgħu jżommu l-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom fl-Unjoni mill-2018 sal-2019. Madankollu, il-prezz tal-bejgħ unitarju naqas b'aktar minn 6 % bejn l-2019 u l-2020. Sussegwentement, dan tjieb b'aktar minn 4 % bejn l-2020 u l-2021.

(179) Il-kost unitarju tal-produzzjoni baqa' stabbli bejn l-2018 u l-2019, naqas bi ftit b'1 % bejn l-2018 u l-2020, u żdied bi 15 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dan żdied b'aktar minn 16 % bejn l-2020 u l-2021, li jirrifletti ż-żieda għolja fil-kostijiet tal-enerġija u tal-materja prima, fl-istess perjodu.

6.4.3.2. Kostijiet lavorattivi

(180) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 10

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2018	2019	2020	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	62 122	64 071	66 134	65 599
Indiċi	*100*	*103*	*106*	*106*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarji mill-produtturi tal-Unjoni kkampjunati.

([55]) Il-prezz medju fis-suq kaptiv ġie ppreżentat f'firxiet għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

(181) Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat żdiedu bi 3 % bejn l-2018 u l-2019. Żdied ukoll b'6 % bejn l-2018 u l-2020. B'mod ġenerali, żdied b'6 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

6.4.3.3. Inventarji

(182) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 11

Inventarji

	2018	2019	2020	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Stokks tal-għeluq (tunnellati)	22 334	19 256	14 497	13 692
Indiċi	*100*	*86*	*65*	*61*
Stokks tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni	8,8	8,7	8,1	8,9
Indiċi	*100*	*99*	*93*	*102*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarji mill-produtturi tal-Unjoni kkampjunati.

(183) Il-livell tal-istokks tal-għeluq tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun baqa' stabbli fir-rigward tal-produzzjoni. Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-livell tal-istokkijiet tal-għeluq naqas b'39 %. Il-produtturi tal-Unjoni normalment iżommu biss livell baxx ta' stokk huma stess. Għalhekk, l-istokkijiet ma humiex ikkunsidrati bħala indikatur importanti ta' dannu għal din l-industrija. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-analiżi tal-evoluzzjoni tal-istokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni. Fil-perjodu ta' investigazzjoni, xi produtturi pproduċew anqas stokkijiet u stokkijiet imnaqqsa fi sforz sabiex ilaħħqu mas-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli tagħhom fl-2020 u fl-2021 (ara t-Tabella 6).

6.4.3.4. Profittabilità, fluss ta' flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(184) Il-profittabilità, il-fluss ta' flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 12

Profittabilità, fluss ta' flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2018	2019	2020	Perjodu tal-Investigazzjoni ta' Rieżami
Il-profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	9,3	9,9	3,8	– 7,2
Indiċi	*100*	*106*	*41*	*– 77*
Fluss tal-flus (EUR)	54 041 814	65 623 240	56 907 181	6 140 456
Indiċi	*100*	*121*	*105*	*11*
Investimenti (EUR)	26 907 236	9 977 233	3 253 779	4 952 232
Indiċi	*100*	*37*	*12*	*18*

Ir-redditu fuq l-investimenti	10,6 %	22,3 %	18,1 %	0,3 %
Indiċi	*100*	*211*	*171*	*3*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarji mill-produtturi tal-Unjoni kkampjunati.

(185) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. B'mod ġenerali, il-profittabbiltà naqset minn 9,3 % fl-2018 għal [–7,2] % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Din baqgħet kważi fl-istess livelli bejn l-2019 u l-2018, filwaqt li naqset b'59 % bejn l-2018 u l-2020. Il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun naqsu b'[–77] % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(186) Wara d-divulgazzjoni, il-produtturi esportaturi li kkooperaw argumentaw li l-Kummissjoni ma spjegatx kif id-deterjorament tal-profittabbiltà kien relatat maż-żieda fil-prezzijiet tal-importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat.

(187) Kif spjegat fil-premessa (200), il-Kummissjoni ddeterminat ukoll li l-ħsara materjali mġarrba mill-industrija tal-Unjoni ma kinitx ikkawżata mill-importazzjonijiet mir-RPĊ. Fuq din il-bażi, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(188) Il-fluss ta' flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Il-fluss tal-flus nett żdied b'21 % fil-perjodu bejn l-2018 u l-2019 u baqa' stabbli bejn l-2018 u l-2020. Madankollu, il-fluss tal-flus nett kellu tnaqqis ġenerali ta' 89 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, filwaqt li segwa x-xejra tal-profittabbiltà fil-bejgħ.

(189) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti li jirrifletti l-livell ta' deprezzament tal-assi. B'mod ġenerali, dan naqas 97 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. B'mod partikolari, dan żdied b'111 % bejn l-2018 u l-2019, prinċipalment minħabba l-livell ta' profitt milħuq fl-2019, żdied b'71 % bejn l-2018 u l-2020 u naqas b'97 % bejn l-2018 u l-2021, kif diġà ssemma, minħabba livell baxx ta' profitti fl-2021.

(190) Il-Kummissjoni nnotat li minkejja l-marġnijiet ta' profitt baxxi mill-2020, l-industrija tal-Unjoni żammet livell ġust ta' produttività u qatt ma waqfet tottimizza l-proċess tal-produzzjoni, il-loġistika, il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni tagħha, billi kompliet tinvesti.

(191) Il-livell għoli ta' investimenti li għandhom jitwettqu mill-industrija tal-Unjoni juri r-rieda qawwija tagħha li tadatta, ittejjeb u tibqa' fis-suq minkejja diffikultajiet u żmien ta' sfida ekonomika.

(192) Il-prestazzjoni finanzjara dgħajfa tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat illimitat il-kapaċità tagħha li tiġġenera kapital. L-industrija tal-Unjoni hija intensiva fil-kapital u tirrikjedi investimenti sostanzjali. Il-fluss ta' flus nett matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kien baxx wisq biex ikopri investimenti sostanzjali bħal dawn.

6.5. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(193) L-evoluzzjoni tal-indikaturi mikro u makro matul il-perjodu kkunsidrat uriet li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni ddeterjorat. B'mod ġenerali, ix-xejriet tal-indikaturi ekonomiċi prinċipali kollha marru għall-agħar matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(194) L-investigazzjoni indikat li l-indikaturi kollha tad-dannu wrew xejra negattiva matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. F'kuntest ta' tnaqqis fid-domanda b'9 %, kemm il-volum tal-bejgħ fis-suq ħieles kif ukoll il-produzzjoni naqsu b'9 % u b'45 %, rispettivament. Dan wassal għal tnaqqis simili ta' 21 % fil-kapaċità u ta' 40 % fl-impjiegi. Billi t-tnaqqis fil-produzzjoni kien aktar mgħaġġel (45 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni) mit-tnaqqis fil-kapaċità u fl-impjiegi, l-użu tal-kapaċità u l-produttività naqsu wkoll, bi 30 % u 8 % rispettivament.

(195) Matul l-istess perjodu, il-prezz unitarju medju fis-suq ħieles naqas ukoll b'aktar minn 2 %, filwaqt li l-kost unitarju tal-produzzjoni żdied bi 15 %. B'konsegwenza ta' dan, il-profittabbiltà naqset b'[–77] % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u l-profitt naqas minn 9,3 % fl-2018 għal [–7,2] % matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(196) Għaldaqstant, l-indikaturi tad-dannu juru li l-industrija tal-Unjoni kienet qed iġġarrab dannu materjali fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, peress li naqqset il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha minkejja ż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, u dan irriżulta f'kollass tal-profittabbiltà tagħha, li affettwa b'mod negattiv l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-fluss tal-flus.

(197) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

(198) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ulterjorment jekk l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.

(199) L-investigazzjoni żvelat li l-volumi tal-importazzjonijiet miċ-Ċina żdiedu b'104 %, minn [1 300–1 400] tunnellata għal [2 800–2 900] tunnellata, matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Is-sehem mis-suq tagħhom żdied ukoll b'aktar mid-doppju, minn [1–3] % għal [2,5–3,5] % iżda baqa' b'mod sinifikanti taħt is-sehem mis-suq tagħhom ta' 26,8 % osservat matul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali. Aktar importanti minn hekk, il-prezz medju tal-bejgħ tal-importazzjonijiet mir-RPĊ [1 500–1 600] EUR/tunnellata kien ogħla mill-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni (EUR 1 321/tunnellata) u l-kost medju tal-produzzjoni tagħha (EUR 1 416-il/tunnellata) matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Barra minn hekk, fit-tqabbil tat-tip ta' prodott bi prodott, il-Kummissjoni ma stabbilietx twaqqigħ tal-prezz meta d-dazji ġew inklużi fil-prezzijiet tal-produtturi esportaturi. Konsegwentement, minkejja ż-żieda fil-volumi u fis-sehem mis-suq, l-importazzjonijiet mir-RPĊ ma kkawżawx dannu lill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(200) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni ma setax kien ikkawżat mill-importazzjonijiet miċ-Ċina.

7. **PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TAD-DANNU**

(201) Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (200) li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, jekk ikunx hemm probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(202) F'dan ir-rigward, ġew analizzati l-elementi li ġejjin mill-Kummissjoni: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ, ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet fl-Unjoni u l-prezzijiet Ċiniżi, ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezzijiet fl-Unjoni, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni u l-impatt tal-importazzjonijiet potenzjali mir-RPĊ fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni f'każ li l-miżuri jiskadu.

7.1. **Il-kapaċità tal-produzzjoni, il-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ**

(203) Il-kapaċità tal-produzzjoni fir-RPĊ għall-prodott ikkonċernat hija stmata għal 5 miljun tunnellata fis-sena. Il-kapaċità ta' riżerva disponibbli fiċ-Ċina kienet tirrappreżenta madwar 2,7 miljun tunnellata fis-sena, li taqbeż kważi 27 darba l-konsum tal-prodott ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni, li fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien jammonta għal 102 189 tunnellata. Għalhekk, hemm eċċess importanti tal-provvista fuq id-domanda fis-suq Ċiniż. Konsegwentement, dan jirrappreżenta inċentiv ulterjuri għall-produtturi Ċiniżi biex jiffokaw dejjem aktar fuq is-swieq tal-esportazzjoni jekk jinħolqu opportunitajiet ġodda.

7.2. **Attraenza tas-suq tal-Unjoni**

(204) Kif inhu stabbilit fit-Taqsima 4.2 hawn fuq, is-suq tal-Unjoni huwa attraenti f'termini tad-daqs u l-prezzijiet tiegħu. L-Unjoni bħalissa hija l-akbar suq tal-prodott taħt rieżami fid-dinja f'termini ta' volumi. Għandu wkoll infrastruttura loġistika soda b'portijiet, b'faċilitajiet ta' ħżin u ta' distribuzzjoni mgħammra tajjeb u livell għoli ta' konsum industrijali.

(205) Barra minn hekk, kif huwa indikat fil-premessa (152), il-Kummissjoni stabbiliet li, fin-nuqqas tal-miżuri, l-importazzjonijiet mir-RPĊ iwaqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-prezz medju tal-importazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi fil-pajjiżi terzi ewlenin (il-Korea t'Isfel, l-Indja, it-Tajlandja eċċ.) ta' EUR 1 135/tunnellata ([56]) kien aktar baxx mill-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ta' EUR 1 321/tunnellata fis-suq ħieles, fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Konsegwentement, f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu, il-produtturi esportaturi jkollhom inċentivi qawwija biex iżidu l-bejgħ tagħhom lejn l-Unjoni bi prezzijiet aktar baxxi minn dawk mitluba mill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(206) Għalhekk, is-suq tal-Unjoni huwa meqjus attraenti ħafna għall-produtturi Ċiniżi, u jista' jiġi konkluż li l-kapaċitajiet ta' riżerva disponibbli fiċ-Ċina jintużaw, tal-anqas parzjalment, sabiex iżidu l-esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Unjoni bi prezzijiet ta' dumping u inġurjużi jekk jiskadu l-miżuri. L-attraenza tas-suq tal-Unjoni, kif inhu deskritt hawn fuq, twassal għal żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mir-RPĊ. Peress li l-prodott ikkonċernat huwa pjuttost omoġenu f'termini ta' kwalità, il-livell tal-prezz huwa l-aktar fattur importanti meta wieħed jiddeċiedi jekk jixtrix mill-produtturi tal-Unjoni jew mill-produtturi esportaturi Ċiniżi. It-tnaqqis f'daqqa fl-esportazzjonijiet Ċiniżi bi tweġiba għall-miżuri anti-dumping jindika li l-klijenti jistgħu jaqilbu faċilment għall-fornitur bl-aktar prezz kompetittiv (jiġifieri mill-produtturi esportaturi Ċiniżi għall-produtturi tal-Unjoni jew viċi versa f'każ li l-miżura tiskadi).

7.3. **L-impatt tal-importazzjonijiet potenzjali miċ-Ċina fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni f'każ li l-miżuri jiskadu.**

(207) Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun wettqu marġnijiet ta' profitt negattivi ta' [–7,2 %], matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, għalhekk, ma jistgħux jaffordjaw li jkomplu jnaqqsu l-prezz tal-bejgħ tagħhom, jew li jitilfu s-sehem mis-suq (jekk ma jnaqqsux il-prezz) bħala konsegwenza ta' importazzjonijiet ġodda, minħabba li dan ikompli jżid it-telf tagħhom.

(208) Minħabba l-probabbiltà li l-produtturi esportaturi jiġu bi prezzijiet aktar baxxi u volumi ogħla, l-industrija tal-Unjoni se tkun sfurzata jew tnaqqas il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha għad-detriment tal-profittabbiltà tagħha jew iżżomm il-livell tal-prezzijiet tal-bejgħ u x'aktarx titlef il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq għall-esportaturi Ċiniżi. Taħlita ta' dawn ix-xenarji tidher saħansitra aktar realistika. Fl-aħħar mill-aħħar, dan iwassal għal pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet, telf akbar, u l-importazzjonijiet mir-RPĊ x'aktarx jerġgħu jiksbu s-sehem mis-suq tagħhom ta' 26 % ta' qabel il-miżuri. Ta' min jinnota li żewġ produtturi eżistenti tal-Unjoni waqqfu kompletament il-produzzjoni tal-prodott simili fl-2020: AMTP Roman fir-Rumanija, u Vallourec Deutschland fil-Ġermanja.

(209) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-iskadenza tal-miżuri, bil-probabbiltà kollha tirriżulta f'żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ bi prezzijiet li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, u b'hekk tkompli taggrava d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni peress li d-dannu materjali oriġinarjament ikkawżat minn importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ x'aktarx li jerġa' jseħħ. B'konsegwenza ta' dan, il-vijabbiltà tal-industrija tal-Unjoni tkun f'riskju serju.

([56]) Ibbażat fuq il-GTA. L-istatistika kienet tikkonċerna l-importazzjonijiet miċ-Ċina lejn il-pajjiżi terzi kkonċernati. Barra minn hekk, tneħħew il-kodiċijiet HS li fihom prodotti b'dijametru daqs 406 mm jew inqas sabiex tkun riflessa d-definizzjoni tal-prodott taħt rieżami.

7.4. **Kummenti wara d-divulgazzjoni finali**

(210) Wara d-divulgazzjoni, il-produtturi esportaturi li kkooperaw iddikjaraw li l-Kummissjoni ma vvalutatx l-impatt tal-importazzjonijiet li joriġinaw mit-Tajlandja fl-analiżi tagħha tar-rikorrenza tad-dannu fid-dawl tal-fatt li l-importazzjonijiet Ċiniżi ma kkawżawx dannu lill-industrija tal-Unjoni matul il-"perjodu ta' rieżami". Sostnew ukoll li l-prezzijiet u l-volum baxxi tal-importazzjonijiet li joriġinaw mit-Tajlandja jistgħu jaggravaw is-sitwazzjoni fraġli tal-industrija tal-Unjoni.

(211) Meta wieħed iqis li din l-investigazzjoni hija limitata għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ, il-Kummissjoni llimitat l-analiżi tar-rikorrenza tagħha tad-dannu għall-elementi msemmija fil-premessa (202) li jistgħu jaffettwaw l-industrija tal-Unjoni jekk il-miżuri fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ jitħallew jiskadu. L-importazzjonijiet mit-Tajlandja ma kinux fattur f'din l-evalwazzjoni. Fuq din il-bażi, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(212) L-istess produtturi esportaturi sostnew ukoll li l-Kummissjoni ma spjegatx għaliex l-industrija tal-Unjoni rrapportat telf fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(213) Kif imsemmi fil-premessa (195), il-prezz unitarju medju naqas bi 2 % matul il-perjodu kkunsidrat filwaqt li l-kost unitarju tal-produzzjoni żdied bi 15 %. Peress li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tittrasferixxi ż-żieda fil-kostijiet minħabba ftehimiet fit-tul, hija rrapportat telf fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Barra minn hekk, kif jissemma fil-premessa (200), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet mir-RPĊ ma kkawżawx dannu lill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Konsegwentement, il-Kummissjoni ffukat l-analiżi tagħha fuq ir-rikorrenza tad-dannu abbażi tal-elementi msemmija fil-premessa (202). Fuq din il-bażi u kif imsemmi fil-premessa (209), hija kkonkludiet li l-ħsara materjali kkawżata oriġinarjament mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ x'aktarx li terġa' sseħħ jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Fuq din il-bażi, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(214) Il-produtturi esportaturi li kkooperaw irreferew ukoll għal żewġ rapporti ([57]) tal-Korp tal-Appell u sostnew li "trid issir konklużjoni motivata billi tiġi kkunsidrata bir-reqqa l-evidenza rreġistrata, u kwalunkwe projezzjonijiet dwar il-futur jew inferenzi misluta jridu jiġu pproċessati wkoll fuq evidenza ċara". B'mod partikolari, huma sostnew li l-kapaċità żejda hi sopravalutata u li l-produtturi esportaturi Ċiniżi kienu qed jiffukaw fuq is-suq domestiku u ma esportawx il-kapaċità żejda tagħhom lejn l-Unjoni. Barra minn hekk, huma sostnew li l-attraenza tas-suq tal-Unjoni u l-"prezzijiet miċ-Ċina għal pajjiżi oħra" jenħtieġ li ma jitqisux f'analiżi tal-probabbiltà u li l-analiżi jenħtieġ li tkun ibbażata fuq "analiżi kontrofattwali ta' dak li jiġri fil-futur, primarjament il-previżjonijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, il-prezzijiet, u l-impatt fuq l-industrija tal-Unjoni".

(215) F'dak li għandu x'jaqsam mal-kapaċità u l-kapaċità żejda, il-produtturi esportaturi li kkooperaw ma pprovdewx evidenza ġdida biex isostnu l-affermazzjoni tagħhom. Fin-nuqqas ta' elementi ġodda, l-argumentazzjoni ġiet miċħuda.

(216) Sa fejn huma kkonċernati l-elementi li għandhom jitqiesu għal analiżi tal-probabbiltà, il-Kummissjoni qieset li billi analizzat elementi bħall-attraenza tas-suq tal-Unjoni u l-prezzijiet għal pajjiżi terzi, hija wettqet tali "analiżi kontrofattwali" f'konformità mal-prattika standard tagħha bl-użu tal-elementi disponibbli kollha li ppermettew eżerċizzju li jħares 'il quddiem dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu. Fin-nuqqas ta' elementi li jistgħu jikkonfutaw il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

8. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

(217) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija, tal-importaturi u tal-utenti tal-Unjoni mhux relatati.

([57]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, *US — Corrosion Resistant Steel Sunset Review*, para. 111 u r-Rapport tal-Korp tal-Appell, *US — Oil Country Tubular Goods Sunset Reviews*, para. 7.166.

8.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(218) L-industrija tal-Unjoni hija magħmula minn sitt produtturi li jinsabu fi Stati Membri differenti. Fosthom, Dalmine S.p.A, Tubos Reunidos Group SA u Valcovni Trub Chomutov AS huma l-applikanti, filwaqt li l-oħrajn ikkooperaw, Huta Batory Sp. Z o.o., Vallourec Deutschland GmbH, fil-Ġermanja u AMTP Roman fi Franza (mhux applikanti).

(219) L-investigazzjoni wriet li jekk il-miżuri jiskadu, dan x'aktarx ikollu effett negattiv sinifikanti fuq l-industrija tal-Unjoni. Is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni tiddeterjora malajr f'termini ta' volumi aktar baxxi ta' bejgħ u prezzijiet tal-bejgħ li jirriżultaw fi tnaqqis qawwi fil-profittabilità. Min-naħa l-oħra, il-kontinwazzjoni tal-miżuri tippermetti li l-industrija tal-Unjoni tkompli tirkupra mid-dannu tal-passat ikkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, u li tisfrutta l-potenzjal tagħha f'suq tal-Unjoni li ma jkunx affettwat minn prattiki kummerċjali inġusti mir-RPĊ.

(220) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, ġie konkluż li ż-żamma tal-miżuri antidumping fis-seħħ huwa fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

8.2. **L-interess ta' importaturi, negozjanti u utenti mhux relatati**

(221) Il-Kummissjoni kkuntattjat lill-importaturi, lin-negozjanti u lill-utenti mhux relatati magħrufa kollha. L-ebda wieħed mill-kummerċjanti u mill-utenti ma wieġeb għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni.

(222) Simili għall-investigazzjoni inizjali, l-ebda utent ma ppreżenta ruħu f'dan ir-rieżami. Barra minn hekk, hemm 79 importatur mhux relatat magħruf, li minnhom kien biss Siderpighi spa Con Socio Unico, magħruf bħala importatur mhux relatat, li ppreżenta ruħu. Huwa wieġeb li ma huwiex favur l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping. Huwa sostna li l-Unjoni teħtieġ l-importazzjonijiet Ċiniżi minħabba li d-domanda hija akbar mill-offerta. Il-Kummissjoni osservat li l-fatturat tal-prodott taħt rieżami jirrappreżenta inqas minn 1 % tal-fatturat tal-importatur mhux relatat. Għalhekk, fi kwalunkwe każ, il-kontinwazzjoni tal-miżuri mhux se tbiddel il-perspettiva ġenerali tal-prestazzjoni tal-kumpanija.

(223) Barra minn hekk, fir-rigward tal-interessi kemm tal-utenti kif ukoll tal-importaturi, fl-investigazzjoni inizjali, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm biżżejjed sorsi alternattivi ta' provvista tal-prodott taħt rieżami. Din il-konklużjoni tibqa' valida minħabba li madwar 10 % tas-suq għadu moqdi mill-importazzjonijiet mill-oriġini kollha. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni kellha kapaċità ta' riżerva ta' aktar minn 46 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, li hija ferm akbar mill-konsum kurrenti tal-Unjoni.

(224) Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-estensjoni tal-miżuri ma taffettwax b'mod negattiv il-provvista eżistenti fis-suq jew is-sitwazzjoni ekonomika tal-importatur inkwistjoni jew ta' kwalunkwe utent fis-suq.

(225) B'konsegwenza, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kontinwazzjoni tal-miżuri ma tmurx kontra l-interessi tal-utenti u l-importanti.

8.3. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(226) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti tal-interess tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġina mir-RPĊ.

9. **MIŻURI ANTI-DUMPING**

(227) Abbażi tal-konklużjonijiet milħuqa mill-Kummissjoni dwar il-kontinwazzjoni tad-dumping, ir-rikorrenza tad-dannu u l-interess tal-Unjoni, il-miżuri anti-dumping fuq ċerti pajpijiet u tubi tal-ħadid (għajr ħadid fondut) jew azzar (għajr azzar inossidabbli) mingħajr weldjatura, ta' sezzjoni trażversali ċirkolari, b'dijametru estern ta' aktar minn 406,4 mm, mir-RPĊ, jenħtieġ li jinżammu.

(228) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpaniji b'dazji anti-dumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(229) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, ma hijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, ikunu jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport bil-baħar, eċċ.) biex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata aktar baxxa tad-dazju tkun iġġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(230) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi bħal dawn u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(231) Ir-rati ta' dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament japplikaw biss għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġinaw mir-RPĊ u mmanifatturat mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami manifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk speċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha". Dawn jenħtieġ li ma jkunu soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju anti-dumping individwali.

(232) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali jekk hija sussegwentement tbiddel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([58]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla tal-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(233) Jenħtieġ li esportatur jew produttur li ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu li kien intuża sabiex jiġi stabbilit il-livell tad-dazju applikabbli b'halissa għall-esportazzjonijiet tiegħu jista' jitlob lill-Kummissjoni sabiex isir soġġett għar-rata tad-dazju anti-dumping għall-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tilqa' talba b'hal din dment li jiġu ssodisfati tliet kundizzjonijiet. Il-produttur esportatur il-ġdid ikollu juri li: (i) ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu li ntuża sabiex jiġi stabbilit il-livell tad-dazju applikabbli għall-esportazzjonijiet tiegħu; (ii) ma huwiex relatat ma' kumpanija li għamlet dan u, għalhekk, huwa soġġett għad-dazji anti-dumping; u (iii) esporta l-prodott ikkonċernat wara dan jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jagħmel dan fi kwantitajiet sostanzjali.

(234) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([59]) meta jkollu jiġi rrimborżat ammont wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li għandu jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-kapital tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

([58]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat G, Rue de la Loi 170, 1040 Brussell, il-Belġju.

([59]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

(235) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Ġie impost dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi tal-ħadid (għajr ħadid fondut) jew azzar (għajr azzar inossidabbli) mingħajr weldjatura, ta' sezzjoni trażversali ċirkolari, b'dijametru estern ta' aktar minn 406,4 mm, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7304 19 90, ex 7304 29 90 (il-kodiċi TARIC 7304 29 90 90), 7304 39 88 u 7304 59 89 u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġejjin:

Kumpanija	Rata tad-dazju anti-dumping definittiv (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
Yangzhou Chengde Steel Pipe Co., Ltd	29,2	C171
CITIC Pacific Group: — Daye Special Steel Co., Ltd — Zhejiang Pacific Seamless Steel Tube Co., Ltd	51,8	899H
Yangzhou Lontrin Steel Tube Co., Ltd	39,9	C173
Hengyang Valin MPM Co., Ltd	48,2	C174
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	45,6	C998
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	54,9	C999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: *"Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott taħt rieżami) mibjugħ biex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea u kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fir-RPĊ. Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta."* Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. L-Artikolu 1(2) jista' jiġi emendat biex jiżdiedu produtturi esportaturi ġodda mir-RPĊ mal-lista fl-Anness u jagħmilhom soġġetti għar-rata ta' dazju anti-dumping medja ponderata xierqa għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Produttur esportatur ġdid għandu jipprovdi evidenza li huwa:

(a) ma esportax il-prodotti deskritti fl-Artikolu 1(1) li joriġinaw mir-RPĊ matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2015 u l-31 ta' Diċembru 2015 ("il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali");

(b) ma huwiex relatat ma' esportatur jew ma' produttur soġġett għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament; u

(c) jew effettivament esporta l-prodott taħt rieżami li joriġina mir-RPĊ jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-13 ta' Lulju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Il-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun, tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina:

Kumpanija	Kodiċi addizzjonali TARIC
Tianjin Pipe Manufacturing Co., Ltd.	C998
Shandong Luxing Steel Pipe Co., Ltd.	C998
Inner Mongolia Baotou Steel Union Co., Ltd.	C998
Wuxi SP. Steel Tube Manufacturing Co., Ltd	C998
Zhangjiagang Tubes China Co., Ltd.	C998
TianJin TianGang Special Petroleum Pipe Manufacture Co., Ltd	C998
Shandong Zhongzheng Steel Pipe Manufacturing Co., Ltd.	C998